*DIZEREDAZZJONI*
*ART 638(A) U (B) TAL-KAP 16*
*ABBANDUN*
*ADULTERJU*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Lulju 2018

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 1031/2013/LSO**

**Susan armla minn Carmelo *sive* Charles Vella (Kl 244059M)**

**vs**

**Rachel u Mary xebbiet Vella f'isimhom proprju u bhala mandatarji ta' huthom imsiefra Carrie Mountjoy u Rita Brigandi; Josephine Portelli; Angela Farrugia u Doris Borg**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Susan Vella (KI244059M) datat 28 ta’ Ottubru 2013 fejn esponiet: -

IIIi l-attrici u l-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, izzewgu fit-23 ta' Ottubru, 1982, skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A u mil-liema zwieg huma ma kellhomx ulied.

IIIi b'kuntratt tal-21 ta' Ottubru 1982, fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza, anness u mmarkat bhala Dok. B, huma ppublikaw kitba taz-zwieg fejn l-attrici iddotat lilha innifisha, kif jirrizulta mill-istess kuntratt, waqt li l-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, ipprometta bl-istess titolu ta' dotarju, versu l-attrici s-somma ta' €16,305.61 u ipoteka favur taghha l-beni tieghu in generali prezenti u futuri.

IIIi r-regim matrimonjali illi kellu jirregola z-zwieg taghhom kien il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi Carmelo *sive* Charles Vella miet fit-23 ta' Lulju 2013 skont certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok. C u dan minghajr prole.

Illi skont certifikati ta' testmenti annessi u mmarkati bhala Dok. D u E, l-wirt tieghu qed jigi regolat b'testment tal-15 ta'

April 2011, fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza, anness u mmarkat bhala Dok. F.

Illi *ai termini* ta' l-istess testment, il-wirt tieghu ddevolva fuq hutu l-intimati.

Illi l-kontendenti ghalhekk huma komproprjetarji in kwantu ghan-nofs indiviz appartenenti lill-attrici mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejjet zewgha u bejnha u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor, appartenenti lill-intimati, mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella u l-attrici, salv ghal porzjoni riservata dovuta lill-istess attrici bhala kreditu fuq il-wirt tal-mejjet zewgha Carmelo *sive* Charles Vella.

Illi in oltre' l-attrici ghandha d-dritt li tircievi lura d-dota u d-dotarju, kif ukoll is-sehem riservat bhala kreditu dovut lill-attrici sia mill-assi parafernali u mis-sehem tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejjet zewgha, liema sehem riservat ghandu jammonta ghal terz indiviz tal-eredita tal-imsemmi Carmelo *sive* Charles Vella u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 632 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in oltre' l-attrici ghandha d-dritt ta' l-abitazzjoni fuq id-dar Maison Chasan, Old Railway Track, Santa Venera *ai termini* tal-Artikolu 633 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 2013, kopja taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok. G, l-attrici talbet lill-intimati biex jersqu ghal likwidazzjoni kemm ta' sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-assi parafernali

taghha, kif ukoll tad-dota u dotarju u tas-sehem riservat dovut lilha mill-eredita` tal-mejjet zewgha Carmelo *sive* Charles Vella u interpellat lill-istess intimati biex ihallsuha l-interessi fuq l-istess sehem riservat, *ai termini* ta' l-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif stabbiliti bl-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 ta' l-istess Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa' iktar in komunjoni ma' l-istess intimati, sia ghar-rigward sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn il-mejjet zewgha Carmelo *sive* Charles Vella, sia biex tiehu l-assi parafernali taghha, kif ukoll ghar-ritorn tad-dota u dotarju dovut lilha kif naxxenti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza tal-21 ta' Ottubru, 1982, u ghas-sehem riservat dovut lilha fuq l-eredita' tal-mejjet zewgha.

IIIi l-konsistenza ta' l-assi, sia dawk parafernali u sia tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ezistenti bejnha l-attrici u bejn il-mejjet zewgha Carmelo *sive* Charles Vella, jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi qabel il-mewt ta' Carmelo *sive* Charles Vella, huwa kien gie interdett u giet nominata bhala kuratrici tieghu Dr. Abigail Critien u dan kif jirrizulta mid-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja Nru: 164/2013, li kopja tieghu qieghed jigi anness u mmarkat Dok. G.

Illi b'konsegwenza tal-marda li kellu, l-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, kif jirrizulta mic-certifikat tal-Psikjatriku ta' Dottor Jean Pierre Giorgio, ma kienx kapaci jiehu hsieb il-

hwejjeg personali tieghu u jaghmel atti civili u dan kif jirrizulta mill-istess certifikat.

Jghidu ghalhekk l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, dota u dotarju ezistenti bejn l-attrici u l-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella.

2. Tiddikjara u Tiddeciedi fuq il-konsistenza ta' l-assi parafernali sia ta' l-attrici, kif ukoll tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella.

3. Tillikwida f'zewg porzjonijiet l-istess komunjoni tal-akkwisti, proprjeta' parafernali, dota u dotarju tal-konjugi Carmelo *sive* Charles u Susan Vella.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandha d-dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond Maison Chason, Old Railway Track, Santa Venera, *vita durante ai termini* tal-Artikolu 633 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jridu jhallsu l-kreditu dovut lill-attrici mill-porzjoni likwidata tal-assi tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, ghas-sehem riservat dovut lilha fuq l-istess eredita` tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, u dan *ai termini* tal-Artikolu 615 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bhala kreditu tal-valur dovut lill-

istess attrici oltre' l-imghaxx legali dovut fuq l-istess kreditu *ai termini* tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tillikwida l-istess kreditu dovut lill-attrici ghas-sehem riservat dovut lilha fuq l-eredita' tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella konsistenti f'dawk is-sostanzi likwidati li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu s-sehem riservat dovut lill-attrici fuq l-eredita' tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella bhala kreditu hekk likwidat *ai termini* ta' l-Artikolu 615 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Tassenja porzjoni mill-assi hekk likwidati tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u l-mejjet zewgha u tal-assi parafernali taghha, konsistenti wkoll fir-ritorn tad-dota u tad-dotarju u tas-sehem riservat dovut lill-attrici fuq l-eredita' tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella.

9. Tassenja porzjoni ohra mill-assi hekk likwidati mill-komunjoni tal-akkwisti u l-assi parafernali lill-intimati eredi tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella, wara li jitnaqqas id-dota u dotarju dovut lill-istess attrici u l-kreditu tal-porzjoni riservat dovut lill-istess attrici mill-wirt tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella.

10. Fin-nuqqas li dawn l-assi m'humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella biex l-attrici tkun tista' tippercepixxi sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, assi

parafernali, dota u dotarju dovut lilha u tas-sehem riservat fuq il-wirt tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Vella.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2013 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2014.

Rat ir-risposta guramentata tal-Intimati kollha fejn wiegbu umilment, datata 12 ta' Dicembru 2013 (fol 25), fejn Rachel Vella (203746 M) bil-gurament ikkonfermat :

1. Illi l-Intimati m'humiex qeghdin joggezzjonaw u qatt m'oggezzjonaw illi r-rikorrenti tircievi nofs il-kommunjoni tal-akkwisti spettanti lilha miz-zwieg taghha mad-defunt Charles Vella wara l-likwidazzjoni tal-istess kommunjoni, id-dota, dotarju u dawk l-assi parafernali li huma taghha, billi dan gie offert lir-rikorrenti anke qabel il-ftuh tal-kawza odjerna (*Vide* Dok 'RV1'). Din il-Qorti ghandha tikkonsidra dan meta tigi sabiex tasal biex tiddeciedi l-'capo spese'.

2. Illi l-intimati jopponu bil-qawwa kollha taghhom li r-rikorrenti ghandha xi jedd ghal xi sehem riservat fuq l-eredita' tad-defunt Carmelo maghruf ahjar bhala Charles Vella u dana bl-applikazzjoni tal-Art 638(b) tal-Kodici Civili u dana billi skont ir-raba' artikolu tat-Testment datat 15 ta' April 2011 tal-istess defunt Charles Vella l-istess rikorrenti giet eskluza minn kull beneficcju derivanti mill-wirt, inkluz ghas-sehem riservat ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija

li f'ghajn il-Ligi huma sufficjenti sabiex isehh dan. Ghalhekk kwalunkwe talba f'dan ir-rigward ghandha tigi michuda.

3. Illi l-Intimati jaghmlu riferenza ghar-raba’ talba attrici u filwaqt illi jirrilevaw li l-fond matrimonjali huwa proprjeta' parafernali tad-defunt Charles Vella, huma jopponu ghall-istess talba u dana ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti u b'applikazzjoni tal-istess Art. 638(b) tal-Kodici Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.

Rat il-**Kontro-Talba** ta' Rachel (203746M) u Mary (679948M) xebbiet Vella f'isimhom proprju u bhala mandatarji ta' huthom imsiefra Carrie Mountjoy (40258 M) u Rita Brigandi (15758M); Josephine Portelli (166747M); Angela Farrugia (40456M) u Doris Borg (310752M) datata 12 ta’ Dicembru 2013 a fol 28 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament Rachel Vella (203746 M) ikkonfermat;

1. Illi r-rikonvenzjonanti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-kawza mressqa minn Susan Vella u *in linea* ta' rikonvenzjoni qeghdin iressqu l-kontro-talba taghhom;

2. Illi r-rikonvenzjonanti huma Ikoll ahwa tad-defunt Charles Vella li kien mizzewweg lil Susan Vella minn liema huwa kien separat *de facto* ghal snin *stante* illi l-istess Susan Vella abbandunatu u telqet mid-dar matrimonjali, ikkommettiet vjolenza fil-konfront tal-istess zewgha u kkommettiet adulterju hekk kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;

3. Illi hutu r-rikonvenzjonanti, senjatament Rachel u Mary Vella ghal numru ta' snin sa kemm miet, hadu hsieb lil huhom Charles Vella u dana peress illi l-attrici rikonvenzjonata naqset sahansitra milli zzur lil zewgha meta kien rikoverat l-isptar St. Vincent De Paule fejn dam diversi xhur u fejn miet. Ghal madwar hames snin, l-ahwa Rachel u Mary Vella sahansitra hadu lil Charles Vella jghix maghhom fejn kien taht il-kura taghhom. F'dan il-perjodu Susan Vella kienet nieqsa kompletament minn hajjet zewgha.

4. Illi wara l-mewt ta' Charles Vella, irrizulta illi fl-ahhar testment tieghu datat 15/4/2011 maghmul fl-Atti tan-Nutar Victor John Bisazza, huwa eskluda lil Susan Vella minn kwalunkwe beneficcju derivanti mill-wirt tieghu ghar-ragunijiet elenkati fl-istess testment fosthom minhabba illi hija kkommettiet adulterju fil-konfront tieghu u abbandunatu dwar liema fatt l-intimati rikonvenzjonanti ser jaghtu aktar taghrif matul is-smigh tal-kawza.

5. Illi certament illi dawn il-fatti huma sufficjenti fil-Ligi sabiex it-Testment tad-defunt C. Vella jigi rrispettat fl-intier tieghu inkluz f'dik il-parti fejn huwa eskluda lil Susan Vella minn kwalunkwe beneficcju derivanti mill-wirt tieghu.

6. Illi l-intimati rikonvenzjonanti meta gew interpellati mill-attrici sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi tad-defunt Charles Vella, ghamluha cara illi huma riedu jirrispettaw it-testment tad-defunt C. Vella u offrew illi huma jhallsu dak li kien dovut lilha skont il-ligi u skont l-istess

testment, u cioe' ad eskluzjoni tas-sehem rizervat li talbet l-attrici u li d-defunt C.Vella espressament eskluda fl-ahhar testment tieghu.

Illi huma jafu dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti l-Intimati rikonvenzjonanti jitolbu umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghmel fic-cirkostanzi, tiddikjara li giet ipprovata xi wahda jew aktar mill-ghemil tar-rikorrenti-rikonvenzjonata fil-konfront ta’ l-illum defunt Carmelo *sive* Charles Vella kif ikkontemplat fir-raba' artikolu tat-testment tad-defunt C. Vella datat 15/4/2011;

2. Tiddikjara li dan l-ghemil hu sufficjenti skont il-Ligi sabiex ir-rikorrenti-rikonvenzjonata tigi eskluza minn kwalunkwe beneficcju, inkluz is-sehem riservat u kwalunkwe dritt t'abitazzjoni mid-dar matrimoniali bl-indirizz 151, 'Maison Chason', Old Railway Track, Santa Venera, li seta' kien spettanti lir-rikorrenti-rikonvenzjonata mill-eredita' tad-defunt Carmelo *sive* Charles Vella u dana bl-applikazzjoni tal-Art 638(b) tal-Kodici Civili;

3. Tordna l-eskluzjoni tar-rikorrenti-rikonvenzjonata a tenur tat-talba precedenti.

I

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Susan Vella (Kl 244059M) ghal kontro-talba tal-intimati *pro et noe* datata 18 ta' Frar 2014 a fol 45 tal-process fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kif jirrizulta illi kienet l-attrici illi pprocediet kontra zewgha ghas-separazzjoni personali minnu *ai termini* tac-citazzjoni numru 420/04NC fl-ismijiet Susan Vella vs. Charles Vella li giet transatta tant illi l-partijiet irrikonciljaw.

2. Illi l-esponenti kienet talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha peress illi l-hajja konjugali bejniethom kienet saret impossibli u z-zwieg kien tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess zewgha.

3. Illi minkejja dan, huma irrikonciljaw fl-2009 u baqghu jghixu bhala mizzewgin sakemm huwa gie affettat *bil-Parkinson's desease* u kellu jigi rikoverat f'San Vincenz De Paule.

4. Illi hija baqghet izzur IiIl-zewgha regolarment, kif ukoll twasslu u ggibu ghand it-tobba bhal Dr Anthony Galea DeBono, Mr Stephen Mattocks, Dr Tonio Bugeja, kif ukoll li tipprestalu l-pilloli mill-POYC - Fatima Pharmacy, Santa Venera.

5. Illi hija baqghet izzuru Karen Grech u San Vincenz De Paule regolarment, kif ukoll tehodlu oggetti ta' l-ikel skont il-bzonn.

6. Illi qatt ma kien hemm allegazzjonijiet ta' adulterju wara r-rikonciljazzjoni taghhom fl-2009, u lanqas proceduri ta' separazzjoni bejn il-kontendenti.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Susan Vella datata 24 ta' Novembru 2017 a fol 817 (Volume III) tal-process.

Rat in-nota' ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimati kollha datata 1 ta' Frar 2018 a fol 829 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma nkluz dak ta' l-ahhar seduta tal-Hamis 15 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Saret trattazzjoni finali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob il-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' sehemha mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn id-defunt zewgha Charles Vella, kif ukoll ir-ritorn tad-dota u l-hlas tad-dotarju lilha spettanti, oltre l-likwidazzjoni tal-assi parafernali taghha. Qed jigi mitlub ukoll li tithallas is-sehem riservat mill-eredita` tad-defunt Charles Vella flimkien mal-imghaxijiet, u dan *ai termini* **tal-artikolu 615 tal-Kap 16,** kif ukoll li tinghata d-dritt ta' abitazzjoni *vita durante* tal-fond matrimonjali "Maison Chason", Old

Railway Track, Santa Venera, *ai termini* t**a' l-artikolu 633 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta. *Di piu`*, gie mitlub, li jekk l-assi pretizi mhumiex komodament divizibbli, qed jintalab li l-assi ereditarji tad-defunt Charles Vella jigu mibjugha b'bejgh b'licitazzjoni, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tippercepixxi sehemha.

L-intimati laqghu billi sostnew li qatt ma opponew li r-rikorrenti tircievi nofs il-komunjoni tal-akwwisti spettanti lilha miz-zwieg, id-dota, id-dotarju u dawk l-assi parafernali li huma taghha, kif jidher minn Dok RV1 esebit. Izda gie eccepit li jopponu ghall-hlas tas-sehem riservat pretiz mir-rikorrenti *stante* li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 638(b) tal-Kap 16**, u skont kif stipulat bir-Raba' Artikolu tat-testment tad-defunt, ir-rikorrenti giet eskluza mis-sehem riservat ghar-ragunijiet hemm dedotti. Illi opponew ukoll ghar-raba' talba dwar il-jedd ta' abitazzjoni *vita durante* tad-dar gja matrimonjali, bl-istess applikazzjoni tal-**artikolu 638(b)** u billi din kienet proprjeta` paraferali tad-defunt Charles Vella.

Illi ghalhekk l-intimati pprezentaw **Kontro-Talba** fejn talbu li l-attrici tigi eskluza minn kwalsiasi beneficcju provenjenti mill-wirt ta' Carmelo Vella ghar-ragunijiet spjegati. L-attrici wiegbet billi opponiet ghat-talbiet u sostniet li kienet hi li pprocediet kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u li hu qatt ma ghamel xi allegazzjoni ta' adulterju fil-konfront taghha waqt is-separazzjoni u wara li rrikonciljaw. Sostniet ukoll li baqghet izzur lil zewgha u tiehu hsieb certu bzonnijiet tieghu medicinali, zjarat lit-tobba u ikel.

**Fatti:**

Illi r-rikorrenti u Charles Vella izzewgu fit-23 ta' Ottubru 1982, kif jidher minn Dok A u miz-zwieg ma kellhomx tfal. Jirrizulta li l-partijiet ghamlu kitba taz-zwieg skont kif jirrizulta mill-kuntratt Dok B datat 21 ta' Ottubru 1982 fl-atti tan-Nutar Dr Victor J Bisazza minn fejn jirrizulta wkoll li stabbilew bejniethom ir-regim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti. Charles Vella miet fit-23 ta' Lulju 2013 kif jidher mic-certifikat tal-mewt, Dok C. Illi huwa miet testat u l-wirt tieghu hu regolat skont l-ahhar testment datat 15 ta' April 2011 esebit bhala Dok F. Illi mill-provi jirrizulta, li ghalkemm kienu bdew proceduri ta' separazzjoni bejn il-konjugi Charles Vella u Susan Vella, u kienu wkoll separati *de facto* ghall-erba' snin, bejn is-sena 2005 sa 2009, kienet sehhet rikonciljazzjoni temporanja bejniethom u ttransigew il-proceduri. Madanakollu regghu infirdu *de facto* fis-sena 2010 u l-attrici marret tghix ghar-rasha u qatt ma rritornat biex tikkoabita ma' zewgha qabel ma ttiehed fl-Isptar San Vincenz de Paule, fejn baqa' sakemm miet. Ghall-habta tas-sena 2012, gie misjub li kien afflitt mill-marda ta' *Parkinson's*. Jirrizulta wkoll li gie interdett b'Digriet tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) Numru 164/2013 u giet mahtura bhala kuratrici Dr Abigail Critien. Dan id-digriet mhuwiex esebit u lanqas giet prodotta l-kuratrici biex tixhed f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk, ir-rikorrenti qed tipprocedi bil-kaz odjern ghas-sehem taghha mill-erdita` tad-defunt zewgha oltre sehemha mill-assi tal-komunjoni, r-rifuzjoni tad-dota u l-hlas tad-dotarju. L-intimati da parti taghhom ressqu Talba Rikonvenzjonali abbazi tar-Raba' Artikolu tat-testment tad-

decujus fejn eskluda lil martu mill-wirt minhabba r-ragunijiet hemm addebitati.

**Provi:**

**Mix-xhieda jirrizulta li d-defunt Charles Vella kellu is-segwenti assi:-**

**I. Depoziti Bankarji :**

**HSBC Bank Malta plc.** Skont kif xehdet **Audrey Ghigo** (fol 97) li mir-ricerka li ghamlet sabet li kien infetah:-

i. *Current account* 089 009 567 001 fit-13 ta' Ottubru 1981[1], u esebiet (Dok HSBC1) li juri li fid-data tal-mewt tat-testatur il-bilanc kien ta' €29,260.08 izda fil-5 ta' Marzu 2014, il-bilanc kien ta' €25,926.30. Dan l-ammont naqas ghaliex kienu ngibdu flus ghall-funeral, u mill-2011 sal-lum kien hemm anke trasferiment fuq hutu. Prokura ma kienx hemm.

ii. *Visa account* (Dok HSBC 2) numru 4568 8230 0484 2820, fejn jidher li sar pagament f'Awwissu 2013, li hu tal-funeral. Dal kont inghalaq fis-7 ta' Lulju 2013.

iii. Wara ricerka ulterjuri biex tara kienx hemm kontijiet qabel Jannar 2011, qalet, li kien hemm il-*current account* li diga semmiet u l-*istatements* huma esebiti minn Dicembru 1996 sas-7 ta' Mejju 2011, u l-*visa classic account* kien infetah fil-25 ta Marzu 2008 u esebiet l-*istatement* mis-7 ta' April 2008 sas-7 ta' Lulju 2013.

[1] Ghalhekk qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici.

## II. ISHMA

- 2200 *ordinary shares* ta' Lm1 kull wiehed fil-kumpanija **Shepherd Company Limited, (c 14725)** skont kif xehdet **Dr. Amanda Pool** in rapprezentanza tal-MFSA (fol 103)[2] . Din il-kumpanija giet registrata fil-15 ta' Frar 1993, u giet xjolta kif jidher mid-dokumenti esebiti,

## III. POLOZ TA' ASSIKURAZZJONI

- **Ivan Micallef** xehed (fol 104-105)[3] bhala rapprezentant ta' Eagles Star Malta Limited u esebixxa Dok IM1, ittra li baghtu lil Carmel Vella meta mmaturat il-polza, qal li din il-polza ghadha pendenti u ma gietx imsarrfa. L-ammont tal-polza li mmaturat jidher indikat fl-ittra, hu ta' €9,224.02, u bhala prokuri m'ghandhom xejn. Qal li l-polza bdiet fis-27 ta' Marzu 1987 u mmaturat fit-2010. Mistoqsi jekk inaqqas l-ammont tas-somma kif bdiet fl-ammont ta' €4,658.75 jirrizultax il-profitt u l-*premia*, wiegeb li, l-*bonuses* li jkun hemm jigu kkalkulati bhala persentagg kull sena, u fl-ahhar ikun hemm *terminal bonus*.

## IV. INVESTIMENTI

**a) Neville Curmi** xehed ghan-nom ta' Curmi & Partners (fol 108-110) (fol 494-498)[4]. Hu esebixxa Dok MC1 sa MC4 u Dok MC5 juri specifikatament meta ngibdu jew poggew xi flus. Semma li hu kien beda fl-1977, lil Carmelo Vella kien ilu jafu zmien u x'aktarx li Carmel Vella kien gie biex jiftah il-kont xi l-1985 jew 1986.

---

[2] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013.
[3] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013
[4] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013; Seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Xehed ukoll dwar ir-relazzjonijiet personali bejn ir-rikorrenti u zewgha billi kien habib tad-decujus. Qal in **kontro-ezami** li peress li kien ilu jafu sew lil Carmel Vella kien stqarr mieghu, li martu kienet telqitu minhabba li ghal xi zmien kien hemm ragel iehor, u hu dejjem qallu li xtaq li martu tigi lura, u ghalhekk minn kliemu qal li Carmelo Vella qatt ma ried is-separazzjoni u ghalkemm isseparaw ghal xi zmien, dejjem baqghu mizzewgin.

Hu xehed ulterjorment u qal li Carmel Vella, kellu zewg kontijiet, wiehed ckejken fejn kellu *bonds* ta' l-Argentina, imbaghad kellu kont iehor fejn kellu x-*shares*. Qal li huma jkollhom awtorizzazzjoni, mhux prokura. Qal li l-parir tieghu bhalissa hu li l-ahjar mezz hu li jbieghu kollox u jistabbilixxu, b'kollox hemm €114,000, imbaghad jew jitqeghdu *on deposit* jew *Government stock*. Illi generalment qal, li meta tmut persuna, l-investimenti jinbieghu u r-rikavat jitqassam f'istituzzjonijiet bankarji diversi. Qal li l-kont ckejken kien hemm qabel il-2011, u jmur lura *piu o meno* ghaxar snin, u l-kont il-kbir infetah fl-2011.

**b) Robert Chetcuti** xehed in rapprezentanza ta' Calamatta & Cuschieri (fol 111)[5] u qal, dwar investiment li kellu Carmelo Vella, kien investiment bhal 'bonds' li l-valur illum hu ta' €587,000. Spjega li mill-informazzjoni li ghandu kollox baqa' jigi akkumulat f'dan il-kont u lanqas l-imghaxijiet ma ngibdu. Hu esebixxa Dok CC1 sa CC4.

**Neil Calamatta** Direttur ta' Calamatta & Cuschieri xehed (fol 442-449)[6] u muri Dok RC1 qal li jikkonfermah u hu kien

[5] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013
[6] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013

jiehu hsieb dan il-kont ghall-ahhar tmien snin. Semma zbanki meta s-Sur Vella kien jigi personalment u jizbanka biex jiehu *petty cash* ghall-hajja, u s-somma finali hija €30,329. Specifika li l-ahhar zbank li sar mis-Sur Vella kien fit-2 ta' Novembru 2012, u kien sar minnu personalment. Is-somma finali ta' €30,329 gew zbankati minn Carmel Vella bejn l-1 ta' Frar 2011 sat-2 ta' Novembru 2012, u dan l-investment ghadu f'idejn Calamatta & Cuschieri. Qal ukoll li kellhom f'idejhom €90,000 circa li baqghu ma gewx investiti.

In **kontro-ezami** qal, li s-Sur Vella dejjem tkellem mieghu dwar dawn l-investimenti, kien infurmat li kien isseparat, izda ma kienx jaf ir-raguni, u hu da parti tieghu kien heggu biex jaghmel testment. Qal li ma kienx jaf li s-separazzjoni ma pprocedietx u kien hemm rikonciljazzjoni, kien jaf biss li l-kawza ta' separazzjoni kienet giet istitwita minn martu.

## V. TAXXI

**John Micallef** xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u qal (fol 106) (fol 499-500)[7] li gab it-taxxa mhallsa ta' l-ahhar ghaxar snin li damu mizzewgin il-konjugi Vella, sal-2005, fil-fatt esebixxa l-*Income Tax Returns* mill-1995 sal-2005. Qal li hu infurmat bil-procedura tas-separazzjoni tal-koppja, ghaliex malli tibda l-procedra jekk wiehed mill-avukati javza lid-Dipartiment, jigu separati l-*income tax returns*.

Hu xehed ulterjorment u pprezenta l-*income tax returns* ta' Carmelo Vella tas-sena 2006 sena bazi 2005 sas-sena bazi 2012 *stante* li Carmelo Vella miet fit-23 ta' Lulju 2013.

[7] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013; Seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Qal li ghalkemm fl-ahhar *income tax return* hemm il-firma ta’ Raffaela Vella, ma jafx kienx hemm prokura jew le.

**Susan Vella** xehdet permezz ta’ affidavit (457 - 461) fejn qalet li hi u Carmel Vella kienu zzewgu fit-23 ta’ Ottubru 1982, u ma kellhomx tfal. Ikkonfermat dak imizzel fil-kitba taz-zwieg u li d-dar matrimonjali taghhom kienet id-dar Chasan, 151, Old Railway Track, Santa Venera, li hija proprjeta` parafernali ta’ zewgha. Madanakollu qalet, li d-dar kienet gebel u saqaf, li lestewha flimkien waqt iz-zwieg, u l-ghamara kienet tad-dota taghha.

Ikkonfermat li fl-10 ta' Dicembru 2004, hi kienet bdiet proceduri ta’ separazzjoni 420/04/RCP, ghaliex, skont hi, zewgha kien hati lejha ta' eccessi, theddid, mohqrija u ingurji gravi. Madankollu qalet li waqt il-proceduri ta’ separazzjoni, hi u zewgha regghu rrikonciljaw u cediet il-kawza ghall-habta ta' April 2008. Izda meta rrikonciljaw zewgha kien baqa’ ma nbidilx.

Hi qalet li zewgha ma kienx jaghti kasha, mohhu fuq ix-xoghol u hi d-dar tnaddaf u ssajjar. Iddecidew li jghixu separatament filwaqt li ma jipprezentawx proceduri. Kellha c-cavetta tad-dar u kienet tmur regolari id-dar. Ghalhekk tghid li qatt ma abbandunatu u kienet tara l-bzonnijiet kollha tad-dar - tiehu s-seftura, tixtri *detergents*, ikel u affarijiet ohra, u mhux darba jew darbtejn kienet issajjar jew tnizzel l-ikel maghha.

Illi meta zewgha marad bil-*Parkinson’s disease*, qalet, li hi xorta kienet tiehdu ghand it-tobba, u ggiblu l-medicini. Baqghet tehodlu l-ikel u anke tghinu jinhasel. Meta gie

rikoverat fl-Isptar kienet tmur tarah regolari, titimghu u ttih jixrob.

Semmiet ukoll, li kumbinazzjoni sentejn qabel mewtu hut zewgha, li qabel ma tantx kellhom relazzjoni tajba mieghu, bdew iduru bih. Qalet li kienu hutu, wara li marad, li kienu rrikoverawh l-ewwel Karen Grech imbaghad f'San Vincenz, wara li hi kienet tkellmet ma' hutu nisa biex izommuh huma. Dan kien kontra x-xewqat ta' zewgha li ried imur f'residenza privata.

Cahdet dak imsemmi fir-Raba' Artiklu tat-testment ta' zewgha, u stqarret li temmen li din il-klawsola ddahhlet billi zewgha kien taht il-kontroll ta' hutu, fejn fl-ahhar ta' hajtu ma kienx lucidu u fi stat debboli.

Semmiet li bezghet li hutu kienu ser jehdulu flusu u ghalhekk kienet intavolat rikors sabiex zewgha jigi interdett li kien gie milqugh permezz ta' digriet 591/2013 u hu esebit bhala Dok D[8]. Hutu wkoll ipprezentaw rikors ghall-interdizzjoni tieghu u l-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) hatret lil Dr Abigail Chritien bhala kuratur tieghu.

**Susan Vella** xehdet ulterjormet (fol 548-550)[9] u qalet li zewgha beda bil-marda tal-*Parkinson's* fl-2012 u kien hadu ghand it-tabib Dr. Toni Bugeja, esebiet l-ittra tat-tabib bhala Dok SV6, haditu jaghmel CT scan u kien xi drabi jehodhom ghand it-tobba Andrea Bellizzi, in-neputi taghha .

In **kontro-ezami** qalet (fol 555-566)[10] qabel ma ttiehed l-isptar u zewgha kien instab ma' l-art kien instab ma' l-art

[8] *Recte* Dok G li, izda, jirrizulta li ma kenitx annessa.
[9] Seduta tal-10 ta' Marzu 2015.
[10] Seduta tal-11 ta' Gunju 2015

minn huha Joe Bellizzi, fit-2 ta’ Jannar 2013 u baghat ghall-ambulanza biex jittiehed l-isptar. Qalet li hi kient gieli haditlu hwejjeg ghall-hasil jew haditlu l-ikel u anke huha xi darbi ha hsieb u kien infurmaha. Il-kumplament tal-granet ma kenitx taf min kienu jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Qalet li hu kien rikoverat F’St Joseph Ward, f’San Vincenz u wara tellghuh f’Fatima Ward fejn miet. Qalet li hi ma kintix involuta fil-funeral.Qalet li kien in-*nurse* li cempilla izda ma marritx il-funeral. Qalet li zewgha dejjem ried imur f'Casa Arkati jew Villa Messina. Mistoqsija ghalfejn ma haditux hemm, wara hafna, wiegbet li ma setghetx. Imbaghad qalet li kienu hutu li hadu l-azzjoni u ma tawhiex cans.

Mistoqsija ghalfejn ma setghetx tiehu hsieb zewgha hi, u mhux hutu, wiegbet li meta kienu irrikonciljaw zewgha kien weghdha hafna affarijiet li ser jirranga, billi hi kienet mahqura. Irrikonciljaw fis-sena 2008 u ghamlet sena u nofs tghix mieghu. Madanakollu kien jghajjarha u kienet qisha seftura u kien iwaqaghha ghac-cajt quddiem in-nies.

Qalet li zewgha kien mar jghix ma' hutu izda kien imdejjaq u rega' rritorna d-dar.

Hi ammettiet li meta gie rikoverat f’San Vincenz biddlet is-serratura fid-dar ta’ Santa Venera minhabba li kienet sabet hafna taqlib. Mistoqsija jekk il-problemi konjugali taghha bdewx fl-2002 peress li kellha relazzjoni ma’ certu Paul Magro mill-Buskett, qalet li le. Mistoqsija biex tghid jekk taghrafx certu numri tat-telefon, cahdet kif cahdet ukoll li l-inkwiet beda meta zewgha induna li kien hemm certu numri tat-telefon li kienu qed jigu imcempla mid-dar f'hinijiet ta' bil-lejl. Mistoqsija jekk kellhiex relazzjoni ma’ Dr. Ramon Scerri qalet li le. Mistoqsija kellhiex kaz il-Qorti mal-

familjari tat-tabib Dr. Ramon Scerri qalet, li hija kienet marret hemm bhala pazjenta, kien hemm il-bieb tal-*clinic* miftuh u kienet hebbet ghaliha l-mara tat-tabib Scerri peress li hasbet hazin fiha.

In **ri-ezami** xehdet li zewgha qatt ma akkuzaha li hi kienet adultera fil-konfront tieghu u lanqas fil-kawza tas-separazzjoni ma kienx hemm imnizzel xejn fir-risposta tieghu dwar allegazzjonijiet ta' adulterju. Semmiet li mill-ewwel gimgha li kienu rrikonciljaw rega' beda jghajjarha u l-affarijiet bejniethom baqghu l-istess u ma rrangawx, komplew imorru ghall-aghar. Semmiet l-iktar li kien ihalliha wahidha billi kien jara t-television, ahbarijiet u finanzi u jaqbdu n-nghas. Kien anke ikun ix-xoghol il-Hadd filghodu. Semmiet li fit-tliet snin li kienu separati mill-2010 sal-2013, meta hi kienet toqghod ir-Rabat, filwaqt li hu kien jghix f'Santa Venera, hi dejjem kellha c-cavetta tal-fond ta' zewgha f'Santa Venera, gieli haditlu l-ikel u xi drabi anke s-seftura. Hi kkonfermat li matul dak il-perjodu mill-2010 sal-2013 hi kienet tghix bic-cekk tar-*relief*.

**Dr. Anthony Galea Debono** xehed (fol 490-493) u qal li l-ewwel darba li ra lis-Sur Vella kien fl-2009, fejn gie 'diagnosed' bil-*Parkinson's disease*, f'dik is-sena rah darbtejn, fl-2010 rah darbtejn, u fl-2011 rah darbtejn ukoll. Meta muri min kien jakkumpanjah, hux ir-rikorrenti prezenti ikkonferma li kienet takkumpanjah izda jista' jkun li gie xi hadd iehor mieghu f'xi drabi.

In **kontro-ezami** qal, li sa l-ahhar darba li rah, is-Sur Vella kien jifhmu u kien f'sensieh.

**Joseph Bellizzi** hu r-rikorrenti xehed permezz ta' affidavit (fol 505-507) u qal, li ohtu kienet mizzewga lil Charles Vella u baqghet mizzewga sa mewtu, ghalkemm kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni, ghaliex, kellhom problem bejniethom, kienet dejjem tkun wehedha d-dar u ma kienx jaghti kasha u lanqas kien ipaxxiha bi flus. Semma li huwa kien joqghod ma' genbhom flimkien ma' martu u ghalhekk, kien jaf li meta rrikonciljaw, ohtu u zewgha wara ftit ir-relazzjoni regghet ma hadmitx, Charles Vella qatt ma ta manteniment lil ohtu tant li kellha tirrikorri ghas-servizzi socjali meta ma baqghetx toqghod aktar mieghu. Spjega li minkejja dan, ohtu xorta baqghet iddur bih, iggiblu seftura d-dar, u haditu ghand it-tobba tant li kien ibnu li kien iwassalhom.

In **kontro-ezami** qal (fol 577 - 584)[11] li meta qal li ohtu kienet mahqura qal hekk ghax zewgha ma kienx itiha flus. Mistoqsi jekk meta kien imur ghall-*boat show* Londra kinitx tmur mieghu qal li iva. Mistoqsi jekk kienux anke jsiefru fuq vakanzi qal li ma jafx. Mistoqsi allura kif qal li Charles ma kienx jaghti kaz ohtu qal milli qaltlu hi. Dwar jekk Charles qattx sellfu xi flus qal li darba sellfu l-flus izda rrestitwihomlu lura immedjatament. Mistoqsi ohtu qattx qaltlu li kellha relazzjonijiet ohra waqt iz-zwieg, qal li le. Mistoqsi qaltlux ghalfejn iddecidiet li titlaq mid-dar spjega li ohtu kienet titlaq qabel mid-dar minhabba li dejjem tghidlu bil-problemi li kellha ma' zewgha. Qal li meta kien rikoverat f'San Vincenz jaf li ohtu kienet tmur tarah izda ma jafx kemm spiss kienet tmur. Semma li darba meta sab lil Charles verament ma jiflahx cempel immedjatament lil ohtu u ma kienet offriet l-ebda ghajnuna, lir-rikorrenti cemplilha u ma sabhiex u ried jara x'ser jaghmel hu. Mistoqsi min

[11] Seduta tat-12 ta' Jannar 2016.

kien sab lil Charles ma' l-art qabel ma ttiehed l-isptar qal li hutu u qalulu li hemm l-ambulanza.

In **ri-ezami** qal, li qabel dahal l-isptar dejjem jaf lil Charles joqghod f'Santa Venera, u anke meta marad bil-*Parkinson's* baqa' d-dar mhux ghand hutu.

**Alexandra Bellizzi** xehdet permezz ta' affidavit (fol 508-509) li hi l-mara ta' hu r-rikorrenti u ilha tafha mill-1980. Qalet li wara li zzewget, ir-rikorrenti kienet waqfet mix-xoghol, meta kien ser ikollha tarbija, kienet korriet, u meta kienet ser terga' tibda tahdem, ir-ragel kien joggezzjona, ma ridhiex tahdem.  Izda, qalet li peress li kienet toqghod ma genbha kemm-il darba kienet tmur ghandha u tibki u tilmenta li r-ragel taghha ma jaghtix kasha u li ma kienx itiha flus.  Qalet li darba kienet semghet glieda bejn ir-rikorrenti u zewgha u semghet xi haga tinkiser u wara dakinhar ir-rikorrenti kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni. Qalet li r-rikorrenti stess kienet stqarret li ser terga' lura ma zewgha u damu sena u nofs ighixu flimkien izda rega' beda l-inkwiet, u ghalhekk ir-rikorrenti kellha titlaq mid-dar u tmur tghix ghal rasha.  Izda qalet li minkejja dan, xorta kienet taraha tigi d-dar u ggiblu s-seftura u tiehdu ghand it-tobba meta marad.

In **kontro-ezami** qalet (fol 585-587)[12] li meta telqet mid-dar marret toqghod ir-Rabat u sa fejn taf hi, kienet hemm wehedha ghaliex meta marru dejjem sabuha wehedha. Qalet li meta Susan telqet mid-dar it-tieni darba, Charles, zewgha, kien ghadu mhux marid.

[12] Seduta tat-12 ta' Jannar 2016.

**Peter Paul Bellizzi,** hu r-rikorrenti, xehed permezz ta' affidavit (fol 510-513) u qal li meta ltaqghet u bdiet tohrog ma' Carmel Vella hija kellha dsatax-il sena u Carmel kellu erbatax-il sena akbar minnha. Semma li meta zzewgu kienu marru joqghodu f'Haywharf, u ohtu kienet tiehu hsieb zewgha izda meta marru joqghodu Santa Venera, kien ra lil ohtu tinbidel, sakemm fethet qalbha mieghu u qaltlu li z-zwieg ma kienx sejjer tajjeb, qal li Carmel kien jitratta lil ohtu aktar bhala seftura milli bhala martu. Semma li meta ma setghetx tkompli aktar fil-hajja konjugali taghha, ohtu bdiet il-proceduri ta' separazzjoni, u Charles xorta kien baqa' jhobbha u jigri warajha ghalhekk ohtu iddecidiet li tirrikoncilja, izda meta rrikonciljaw is-sitwazzjoni baqghet tiggrava. Ghalhekk, ohtu spiccat telqet mid-dar izda xorta baqghet tmur iddur b'zewgha u meta marad kienet tiehdu ghand it-tobba. Qal li Charles kellu karozza Fiat Punto li nxtrat fiz-zwieg u l-imhazen f'Haywharf kienu mimlijin parts tal-*yachts* u ghodda, li nbieghu minn hutu u ohtu ma taf b'xejn peress li qatt ma kellha lanqas cavetta ta' Haywharf.

In **kontro-ezami** qal, (*tergo* fol 587- 591)[13] li dwar dak li semma fl-affidavit tieghu li hut Charles kienu ghamlulu kawza, qal, li din kienet xi tletin sena ilu. Semma li hut Charles kienu gew it-tieg izda fl-gherusija ma kinux prezenti. Mistoqsi jekk jafx fejn kienet marret toqghod ohtu meta telqet l-ewwel darba qal li ma jafx, u meta telqet it-tieni darba qabel li kienet marret toqghod ir-Rabat. Mistoqsi jekk ohtu kellhiex relazzjoni ma' haddiehor waqt iz-zwieg, qal li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx lil Dr. Ramon Scerri qal li jafu

[13] Seduta tat-12 ta' Jannar 2016.

**Andrea Bellizzi** xehed permezz ta' affidavit (515-516) qal li hu iben Joseph Bellizzi u n-neputi tar-rikorrenti. Qal li jiftakar li r-rikorrenti kienet issib hafna wens fihom peress li kienu joqghodu qrib minhabba l-problemi taghha fir-relazzjoni konjugali taghha. Qal li jiftakar li r-rikorrenti bdiet proceduri ta' separazzjoni, u sussegwentement regghet irritornat id-dar sakemm kellha titlaq ghat-tieni darba mid-dar. Qal li wara xi sentejn li zitu telqet mid-dar Charles marad, u zitu kienet imhabbta biex tmur iggiblu l-pilloli u gieli anke wassalha hu biex tiehdu ghand it-tobba.

**Emily Bonett nee` Bellizzi** xehdet permezz ta' affidavit (fol 517-519), oht ir-rikorrenti, tiftakar li ohtha zzewget fl-1982, zewgha kien erbata- il sena akbar minnha. Qalet li Charles kien negozjant u l-priorita' ta' hajtu kien ix-xoghol, allura ohtha kienet tqatta` granet shah wehedha. Semmiet li ohtha kienet iccemplilha kuljum u l-problemi konjugali ta' ohtha hija tafhom. Qalet li wara li ohtha bdiet proceduri ta' separazzjoni, u wara li regghet irrikonciljat ma' zewgha u s-sitwazzjoni baqghet ma tjibietx, hi kellha tohrog mid-dar, izda minkejja dan xorta baqghet tiehu hsieb zewgha u ddur bih, iggiblu l-pilloli u tiehdu ghand it-tobba.

In **kontro-ezami** qalet (fol 592-596)[14] li ma tafx li ohtha kellha relazzjonijiet ma' haddiehor waqt iz-zwieg taghha. Qalet li taf li ohtha u Charles kienu jsiefru f'Jannar ghall-*boat show*. Mistoqsija tafx lil Dr. Ramon Scerri qalet, li tafu, kienet iltaqghet mieghu, kien ma' ohtha r-rikorrenti xi tliet xhur ilu, u qalet li ilhom xi sena flimkien hi u Dr. Scerri. Qalet li meta telqet l-ewwel darba mid-dar, Susan marret toqghod ir-Rabat u meta telqet mid-dar it-tieni darba marret toqghod ir-Rabat u kienet toqghod wehedha. Qalet

[14] Seduta tat-12 ta' Jannar 2016.

li hi qatt ma marret tara lil Charles l-isptar izda taf li ohtha kienet tmur tarah ghax kienet tghidilha.

**Noel Camilleri,** *Nurse* F'St. Vincent de Paule, xehed[15] u qal li Charles Vella kien rikoverat hemm bejn Frar u Gunju tal-2012, dam hemm xi erba' xhur, imbaghad miet. Qal li spiss kien jara lir-rikorrenti hemmhekk fis-sala u qal li kien jaraha meta jkun xoghol fid-'days'. Qal li kienet ittih x'jixrob u anke titimghu lil zewgha.

**Joanne Pace Decesare** xehdet (fol 543-547) u qalet li hi spizjara f'Fatima Pharmacy fi Triq iz-Zonqor, Santa Venera. Hi kkonfermat li xi darbi giet ir-rikorrenti tigbor il-medicini tal-POYC ghan-nom ta' zewgha. Hi qalet li teskludi li xi drabi gew Doris Borg u Josephine Portelli, spejagt li ghall-ewwel kien imur jigbor il-medicini Charles Vella stess, imbaghad kienet tmur hafna darbi Susan Vella, u fl-ahhar xi darbtejn gew il-qraba ta' Carmel Vella.

In-**Nutar Victor Bizazza** xehed (fol 572-575) qal li kien ilu jafu lil Carmel Vella, kien ghamillu l-iskrittura qabel iz-zwieg u t-testment. Semma li kien anke ghamillu t-testment u fir-rigward il-fatt li ddizeredita lil martu, qal li hu kien spjegalu l-konsegwenzi ta' dan u kien deher li fehmu. Hu kkonferma wkoll referibbilment ghall-kitba ta' qabel iz-zwieg, li l-assi li kellhom il-konjugi separatament huma dawk elenkati fil-kitba taz-zwieg u hu qaghad fuq dak li qalulu. Meta Carmel Vella mar biex jaghmel it-testment qal li ma jafx kienx rikoverat izda hu fehmu u deher li kien f'qaghda li fehem kollox. Qal li martu giet wara mewtu biex tiehu kopja tat-testment.

---

[15] Fol 538 *et seq.*

**In-Nutara Maria Magri** xehdet (fol 612-613)[16] u qalet li r-rikorrenti hija l-*partner* ta' l-ex ragel taghha, ilha tliet snin isseparata u rrizulta kollox mis-sentenza tal-Qorti li r-rikorrenti kienet ilha 5 snin taf lil zewgha. B'kollox minn tmien snin qabel ma xehdet. Dwar Carmel Vella qalet li meta ghamlet l-istharrig taghha dwar ir-rikorrenti, kienet kellmitu darba fuq it-telefon xi erba' snin ilu. Qalet li saret taf l-ewwel darba fit-3 ta' Marzu 2011. Illi peress li Susan Vella kienet anke giet id-dar taghha u fil-fatt kellhom kawza Kriminali, fejn principalment kien involut binha ma' Susan Vella.

**Walter Casolani** xehed (fol 614-616)[17] u qal li kien habib ta' Charles Vella sar jafu minhabba s-*sailing* u darba kienu flimkien u Charles qallu li l-mara qabdet u telqet, izda ma jistax jiftakar is-sena meta kien dan. Qal li jaf li Charles kien ghamel perjodu jghix ma' hutu imbaghad meta marad mar lura d-dar imbaghad ittiehed l-isptar.

**Pio Gatt** xehed (fol 617-618)[18] li kien habib ta' Charles Vella, qal li Charles kien infurmah li kellu l-inkwiet mal-mara u li darba gieh kont tat-telefon gholi u beda jissuspetta li kienet qed titkellem ma' xi hadd. Meta marad kien mar jarah, u qal ukoll li kien hemm zmien li Charles kien ighix ma' hutu li qed jaghraf prezenti.

**Ernest Pisani** xehed (fol 619-620)[19] u qal, li kienu joqghodu tahthom qabel ma' zzewweg u jaf lil hutu wkoll, qal li kellhom relazzjoni normali u kien anke joqghod ma'

[16] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016.
[17] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016.
[18] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016.
[19] Seduta tal-10 ta' Marzu 2016.

hutu fl-ahhar snin, u ghamel zmien maghhom ma' Rachel u Maria ahwa Vella.

**Maria Vella** xehdet permezz ta' affidavit (fol 622-623) u qalet li meta fl-2005 Susan telqet lil huha Charles, kien mar ighix maghha u kienet tassistih f'li hemm bzonn. Qalet li huha kien iddispjacut hafna u meta ra li kellu kont tat-telefon gholi bin-numru issuspetta li martu kellha wicc haddiehor. Qalet li Charles kien iddispjacut hafna u meta fl-2009 rega' mar id-dar ighix ma' martu, qalet, li sussegwentement martu regghet telqitu u kienet regghet bdiet tassistih hi. Semmiet li fl-2012 cemplet Susan u qalet li Charles kien marad bil-*Parkinson's* biex imur joqghod maghhom. Qalet li Charles gieli kien gej u sejjer id-dar u kien ikollhom imorru huma biex jassistuh u ighinuh. Qalet li fit-2 ta' Jannar 2013 meta marret ghandu bhas-soltu, sabitu li kien ghadu kif waqa' cemplu l-ambulanza u ttiehed l-isptar. Qalet li meta miet fit-23 ta' Lulju 2013, Susan lanqas hsieb tal-funeral ma hadet u ghamlulu kollox huma.

In **kontro-ezami** qalet (fol 724-756)[20] li hi oht Charles Vella u tghix ma' Mary Vella fejn ikkonfermat li mill-2004 sal-2009 Charles kien ighix maghhom, u r-relazzjonijiet taghhom mieghu kienu tajbin, u meta telaq ghax ma riedx ihalli lil martu jafdaha wehedha fid-dar. Hi qalet li Charles kellu seftura meta telqet martu. Qalet li ma tafx li huhom qatt akkuzahom li hadulu xi affarijiet mid-dar bhal *wallet* u c-cwievet, qalet li ma tafx biha. Semmiet storja li huha kien fdaha bic-cwievet tal-*boatyard* u waqghula fi sprall. Qalet li meta huha talabha c-cavetta tathielu u zammet wahda *spare* ghandha d-dar u kellhom ohra *spare* ukoll, kellhom zewg cwievet *spare*. Qalet li ma kienx hemm ghalfejn

[20] Seduta tat-22 ta' Novembru 2016.

imorru inadfulu d-dar ghax Susan kienet tehodlu s-seftura. Ikkonfermat li taf li Susan kienet tmur ghand l-ispizjar iggiblu l-medicini. Illi referuta ghal Dok HSBC 3 u fiz-zmien li huhom kien l-isptar ingibdu €27,000 cahdet li hi gibdet dawn il-flus izda l-*credit card* ma hadhiex l-isptar huha. Qalet li hi qatt ma rat lil Susan ma' Paul Magro. Qalet li huha kien ammoniha lil Susan b'ittri bl-avukat fir-rigward ta' Paul Magro. Qalet li hi ma kellhiex prokura ta' huha. Qalet li l-kontijiet ta' huha tad-dawl u ilma kienu jhallsuhom bejniethom u cahdet li gibdu s-€27,000 mill-kont tieghu ghalkemm jirrizulta li naqsu. Qalet li lil huha difnuh fil-qabar tal-Gvern.

**Rachel Vella** xehdet permezz ta' affidavit (fol 624-625) li kkonfermat li meta fl-2005 lil huha Charles telqitu l-mara, hadu hsiebu mill-ahjar li setghu. Huhom dak iz-zmien kien qalilhom, li gie kont b'numri specifici li kienu saru lil Paul Magro mit-telefon tad-dar tieghu u hemm kellu suspetti li martu kienet qed tiltaqa' ma' xi hadd iehor. Semmiet li meta fl-2009 rega' mar lura d-dar ma' martu u regghet telqitu, meta telqitu, regghu bdew jiehdu hsiebu. Qalet li hija kien igib il-karti kollha fid-dar taghha u sabet *itemised bill* fejn kienu mmarkati bin-numri tat-telefon u ittra mibghuta lil Paul Magro mill-Avukat tieghu (**DOK RV1 u RV2** rispettivament).[21]

In **kontro-ezami** qalet (fol 812-855)[22] hi xebba u tghix ma' ohtha Mary, qalet li ma kinitx marret l-*engage* ta' huha Charles, izda marret it-tieg u wara kellhom relazzjonijiet tajba. Qalet li meta telqitu Susan kien baghat ghalihom Charles u minn dakinhar kienu jduru bih u kienu jehdulu l-

---

[21] Esebiti a fol 606-640).
[22] Seduta tal-4 ta' Mejju 2017.

ikel u l-hwejjeg ghall-hasil, u kull darba li tmur kienet issib il-kcina mhux f'postha u trid toqghod tirrangalu u tnaddaf. Mistoqsija tafx li martu Susan xorta kienet tmur, qalet li ma tafx u meta gieli staqsietu marritx is-seftura li kienet tehodlu Susan tnaddaf, huha kien ighdilha li ma tiflahx. Ikkonfermat li Susan kienet iggiblu l-medicini u huma marru ghalihom xi drabi wkoll. Mistoqsija jekk kinitx tmur tarah Susan meta Charles kien San Vincenz qalet li qatt ma ratha u f'gheluq sninu kienet baghtitlu kartolina bil-posta. Qalet li ma kinitx infurmatha meta miet ghax kienet ratha bla interess. Mistoqsija kellhomx l-*card* tal-Bank ta' huhom, qalet li gieli uzawha biex igibulu l-medicini. Semmiet li meta kien qed joqghod ghandhom kien mar ghall-kumpanija mhux ghax kien marid ghax kienet telqitu Susan u telaq bil-kelma t-tajba u mhux bil-glied ghax ma fdahiex id-dar wehedha.

**Angela Farrugia** xehdet permezz ta' affidavit (fol 663-664) qalet li hi oht id-defunt Charles Vella u kkonfermat li malli kienet telqet Susan mid-dar huha kien joqghod maghhom, mill-2005 sal-2009. Spjegat li kienu jduru bih, isajrulu, u gieli johorguh peress li baqa' jhewden ghaliex kienet telqitu l-mara. Qalet li meta Charles kien rikoverat l-isptar, martu tant ma kinitx tmur tarah li kienet baghtitlu kartolina f'gheluq sninu, u anke meta miet lanqas biss kienet taf.

**Doris Borg** xehdet permezz ta' affidavit (fol 665-666) u qalet li meta zzewgu huha u Susan dejjem rat li huha rrispetta lil martu u kienu jsiefru flimkien ghall-*boat show* u safriet ohrajn. Semmiet li meta Susan telqet mid-dar matrimonjali, huha kien mar ghand hutha xebbiet u dam maghhom sal-2009. Ziedet tghid li f'Awwissu 2012 Susan kienet hadet lil huha biex jaghmel CT *scan* f'rasu, u wara

kienet iggiblu l-pilloli, imbaghad fl-ahhar sena mill-2012 sal-2013 kienu huma li gabulu l-pilloli.

In **kontro-ezami** qalet (fol 786-809)[23] li hi ma kinitx marret l-gherusija ta' huha meta tgharras mar-rikorrenti ghax ma kientix mistiedna peress li kien hemm dizgwid bejn il-familja dak iz-zmien, izda ma kienitx taf tispjega x'kien id-dizgwid. Qalet li meta zzewgu hutha Susan ir-rikorrenti kienet prezenti. Semmiet ukoll, li meta zzewweg Charles Vella lil Susan kienu prezenti ghat-tieg. Wara li zzewweg spjegat li fl-2005, Susan telqet mid-dar konjugali taghha u meta kellmet lil Charles qalilha li kellu suspett li kienet qed tohrog ma' xi hadd iehor, ma' Paul Magro. Semmiet li Paul Magro kien qal fix-xhieda tieghu li kienu ltaqghu l-pjazza tar-Rabat u johorgu bhal koppji. Qalet li taf li wara li Susan kienet ipprezentat kaz ghas-separazzjoni, hi kienet regghet irrikoncljat ma' zewgha. Qalet li ma tafx ghaliex Susan kienet regghet telqet mid-dar fl- 2010. Mistoqsija jekk meta telqet mid-dar it-tieni darba jekk Susan baqghetx tinzel tehodlu l-ikel, qalet li ma tafx dwar dan, u li dak iz-zmien kien jinzel ghand hutha jiekol. Izda, aktar tard, qalet li Susan kienet tiehu hsiebu u ggiblu l-pilloli saz-zmien qabel dahal San Vincenz. Ziedet tghid li sa minn qabel ma dahal l-isptar, Susan ma kinitx tahsillu hwejjeg u kienu hutha li kienu jiehdu hsieb. Meta Charles kien San Vincez qalet li qatt ma ltaqghet ma' Susan li kienet tmur tarah. Ziedet tghid li meta miet huha hi zgur ma cemplitx lil Susan ghax kienu qatghu l-kuntatt. Indikat li huha kien sarlu CT *scan* f'Da Vinci Hospital, sussegwentement dahal l-isptar ghal hmistax u mbaghad dahal Karen Grech u wara San Vincenz. Rigward l-asserzjoni fl-affidavit taghha dwar l-adulterju, qalet li hi qatt ma ratha personalment ma' Paul

[23] Seduta tas-7 ta' Marzu 2017.

Magro, izda kitbet l-affidavit taghha wara li kien diga xehed Paul Magro li qal li kienu johorgu bhala koppja. Hi cahdet li kienu jitlobu l-*pin* tal-*visa* lil huhom. Qalet li meta kien jinqala' xi haga mill-isptar San Vincenz kienu jikkuttatjaw lil hutha Rachel u Mary, u darba meta kien ghadu d-dar u waqa' sabitu ohtha Mary.

**Josephine Portelli** xehdet permezz ta' affidavit (fol 667) u qalet, li tikkonferma x-xhieda ta' hutha u qalet li meta huha Charles marad kienu jiftehmu l-ahwa biex imorru jarawh u jehdulu dak li jehtieg, u meta kienet tkun tarah San Vincenz qatt ma ltaqghet ma' Susan, u meta miet Susan ma hadet l-ebda interess ghall-arrangamenti tal-funeral.

In **kontro-ezami** qalet (769-784)[24]li taf li kien hemm kawza ta' separazzjoni bejn huha u martu izda ma tafx li regghu marru ighixu flimkien. Kienet taf li Susan kienet tmur iggiblu l-pilloli minghand l-ispizjar. Qalet li meta huha kien l-isptar u marret tarah qatt ma ltaqghet ma' Susan. Qalet li hi kienet tmur tarah darba fil-gimgha ghaliex kienu jitqassmu u jiftehmu bejn l-ahwa. Cahdet kategorikament li hija saqsiet lil huha x'se jaghmel fit-testemnt qalet li seta' ghamel li ried.

**Carmel sive Lino Borg** xehed permezz ta' affidavit (fol 668-669) qal li hu r-ragel ta' Doris Borg, b'hekk Charles Vella kien jigi hatnu, u fl-2012 hu u martu kienu jmorru ghand Rachel u Mary u kienu jaraw li kienu jippreparaw l-ikel ghal huhom Charles. Semma li fl-2013 meta kien waqa' Charles, kienu msefrin Londra, u meta gew lura kien ghadu l-Mater Dei. Spjega li meta Charles kien rikoverat San Vincenz, kienu jmorru hu u martu spiss kull gimgha u

[24] Seduta tas-26 ta' Jannar 2017.

meta marru jarawh l-ahhar darba, kienu qalulhom biex ma jidhlux u wara ftit infurmawhom li kien miet.

In **kontro-ezami** qal, (fol 858 sa 874)[25] li hu mizzewweg lil Doris Borg oht id-decujus. Qal ukoll li l-*credit cards* ta' Charles Vella kienu f'idejn Rachel u Mary Vella meta kien ma jiflahx sew huhom. Ikkonferma li r-rikorrenti kienet iggib il-medicini lil Charles Vella. Semma li Susan kienet telqet fl-2005, u ma kienx jaf jekk Susan kinitx xorta tmur iddur b'zewgha jew tehodlu s-seftura, izda aktar tard qal li jaf li Susan wara li telqet mid-dar kienet tmur xorta gieli bl-ikel u gieli biex tehodlu s-seftura izda dawn hu semaghhom biss mhux rahom bhala fatt. Qal li hu qatt ma tkellem mad-decujus u ma jafx kienx jaghti manteniment lil martu. Ikkonferma li ma cemplux lir-rikorrenti biex jinfurmawha li zewgha kien miet anzi qal, li kieku kienet tmur regolari, kienet tkun taf.

**Dr. Ramon Scerri** xehed (fol 682-685)[26] qal li ilu jaf lil Susan Vella tmienja, ghaxar snin, u ilu f'relazzjoni maghha mill-bidu tal-2014. Qal li nqala' l-incident bejn martu u Susan f'xi Marzu tas-sena 2011.Qal li meta inqala' dan l-incident kien it-tabib tar-rikorrenti. Spjega li dakinhar kien ircieva telefonata minghand Susan li kienet qed tinfarag u qalilha biex tmur hemmhekk il-*clinic* tad-dar biex jaraha, meta fil-hin nizlu l-mara tieghu u ibnu u aggredewha. Semma li hu kien ilu jaf lil Susan ghax kien it-tabib tal-kumpanija ta' Classic Jewellers li kienet tahdem maghhom hi precedentement. Mistoqsi jekk meta kellhom gheluq il-hamsin sena anniversarju l-genituri tieghu fl-2012, kienx ha lil Susan bhala *guest* ghall-festin u mhux lil martu qal li iva

[25] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2017.
[26] Seduta tal-24 ta' Mejju 2016.

kien hadha mieghu izda ma kinitx il-*girlfriend* tieghu. Qal li kien separat *de facto* mill-2010 u ufficjalment separat mill-2013. Qal li fl-ahhar tas-sena 2013 kien iltaqa' l-Belt ma' Susan Vella, bdew jitkellmu, marru jiehdu kafe u bdiet ir-relazzjoni. Mistoqsi kif jispjega allura li gja fit-2012 kien hadha ghall-festin tal-genituri tieghu wiegeb li l-festin fl-2012 kien ikla strettament okkazzjoni tal-familja - mal-genituri, t-tfal u l-*partners* u ma kienx ha lil martu li kien separat minn maghha li kienet taqla' l-inkwiet u lanqas lit-tfal ghax l-eks mara dawritu kontra t-tfal.

**Paul Magro** xehed (fol 697 sa 701)[27] u qal li kien iltaqa' l-ewwel darba ma' Susan Vella l-Imdina, hi kienet mar-ragel taghha u meta waqfu jitkellmu kienet saqsietu biex jara jsibilhiex post ghall-kiri r-Rabat. Semma li kienet iccempillu u tghidlu li kienet wehedha u kien infurmaha li kien hemm appartament ir-Rabat ghall-kiri. Qal li mbaghad kienet infurmatu li kienet qed toqghod ir-Rabat imma ma jafx jekk hux fl-appartament li ssugerielha, u kienu ltaqghu il-pjazza tal-parrocca, u in segwitu gieli ltaqghu ghal kafe jew ghal *drink*, u kienu ghamlu hbieb u gieli hargu ghal ftit xhur izda meta ra li regghet lura mas-Sur Vella, kienu spiccaw milli jiltaqghu. Specifika li kienu jiltaqghu u johorgu, bhal kull koppja ohra normali, izda hu ma kienx dejjem stazzjonat f'Malta ghax proprja kien l-Ingilterra u kienu johorgu hu u Susan meta kien ikun hawn Malta.

In **kontro-ezami** qal li z-zmien li kienu jiltaqghu kien fil-bidu tal-2005. Spjega li r-relazzjoni waqqafha hu peress li hu proprja kien joqghod l-Ingilterra, u kien sussegwentement sema' li regghet irrikonciljat mar-ragel taghha.

---

[27] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2016.

**Kyle Scerri** qal (fol 702 - 720)[28] li Susan Vella hi s-siehba ta' missieru u l-ewwel darba li raha wicc imb wicc kien ghall-habt tal-bidu tas-2011 meta Susan kienet fil-*clinic* ta' missieru tad-dar, u nduna li din kienet is-siehba ta' missieru u nforma lil ommi ghax haseb li hekk kellu jaghmel, inqala' dizgwid bejniethom dakinhar u spiccaw f'kaz il-Qorti. Semma li qabel l-2011, in-nanniet tieghu ghalqu 50 sena mizzewga, u missierhom ma kienx hadhom u minflok kien ha lil Susan Vella.  In-neputijiet l-ohra kienu hemm. Dan kien qabel l-incident.

**In kontro-ezami qal** li hu lil missieru ma jkellmux.  Mistoqsi jekk dakinhar meta Susan Vella kienet il-*clinic* jekk hi u missieru kinux qed jikkopulaw jew kinux f'sitazzjoni kompromettenti, qal li le. Qal li l-incident kien inqala' il-Hamis meta missieru ma kienx jiftah il-*clinic.*  Sema' argument bejn missieru u r-rikorrenti u mar jinforma lil ommu.  Kien gharaf lehen ir-rikorrenti ghaliex kienet iccempel id-dar darba darbtejn kuljum u kien gharaf lehinha Susan dakinhar meta semaghha titkellem fil-*clinic* tad-dar. Ikkonkluda li kellha relazzjoni ma' missieru ghaliex pazjenta mhix ser iccempel darbtejn kuljum fuq medda ta' xhur. Ikkonferma fl-2009 ommu u misseru kienu qed jisseparaw. Cahad li riedu jfittxu pretest ghall-fini tal-kawza tas-separazzjoni bejn il-genituri tieghu. Izda qal li ried igib prova li missieru kien qed ikellem lil persuna billi dak iz-zmien kien qed jissuspetta li kellu relazzjoni maghha.  Dan ibbazat fuq il-fatt li gharaf lir-rikorrenti minn lehinha li kienet iccempel lil missieru.  Fil-2011 fil-*clinic* ma ra xejn.

**In ri-ezami** qal li missieru qatt ma cahad li kellu relazzjoni mar-rikorrenti.  Anzi kemm-il darba esprima x-xewqa li hu r-

[28] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2016.

rikorrenti "*make things right."* Dan il-kliem qalhomlu abitwalment mill-2011 'il hawn. Imbaghad qal li missieru kien anke ammetta mieghu li kien hemm xi haga bejnu u r-rikorrenti. Qal li meta kien isaqsi lil missieru qabel l-2011 kienx qed jara lil xi hadd, kien jinnega, qal li sussegwentement, missieru kien wera x-xewqa li jkun paci ma' Susan Vella bhala ibnu. Hu indika wkoll li dakinhar li ra lil Susan kienet taf x'jismu li raha stramba li pazjenta tkun taf x'jismu iben it-tabib, illi kif diga qal kien gharaf il-lehen, u li missieru kien ha lis-sinjura Vella ghand in-nannu tieghu.

Mistoqsi mill-Qorti kif semma biss fir-riezami li missieru kien ammetta li kellu relazzjoni mis-sena 2011 meta qabel xehed li ma ra xejn, ma tax spjegazzjoni.

**DIGRIET RIGWARD L-ASSI.**

**1. Illi b'Digriet tat-18 ta' Awwissu 2014 l-Qorti iddisponiet hekk:**

*"Madanakollu l-Qorti taqbel li jkun ghaqli li l-ammont ta' €95,000 rapprezentanti l-kapital li immatura minn Bonds investiti mad-ditta Calamatta Cuchieri & Co, kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` moghtija fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2014, ghandu jigi investit f'Bonds tal-Gvern f'isem l-eredita` ta' Carmel Vella sabiex il-partijiet igawdu l-frott tieghu meta jigu assenjati l-ishma spettanti lilhom.*

*Ukoll il-Qorti tqis li m'ghandux ikun hemm diffikolta' sabiex id-dividends fuq dan l-investiment jithallas direttament lill-*

*kontendenti fil-kwoti spettanti lihom u ghalhekk tordna li hamsin fil-mija (50%) mid-dividends li talvolta jithallsu fuq dan l-investiment hekk ordnat ghandu jithallas lill-attrici u r-rimanenti hamsin fil-mija (50% ) jithallas favur l-intimati fi kwoti indaqs bejniethom."*

2. Illi ukoll fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 (fol 471) gie ordnat li jbiegh l-investimenti mizmuma minn Curmi and Partners Limited komprizi f'zewg *portfolios* fuq is-suq u r-rikavat jigi depozitat f'istituzzjonijiet bankarji kif l-istess Nevile Curmi jidhirlu li hu xieraq akkont tal-eredita' tad-decujus. L-imghaxijiet jibqghu akkreditati lill-istess kontijiet u t-taxxa tinqata' bhala *Final Withholding Tax*. Il-partijiet kollha prezenti awtorizzaw lil Neville Curmi biex jaffettwa dawn it-transazzjonijiet minghajr dewmien.

3. Illi b'digriet taghha tas-27 ta' Dicembru 2016 (fol 721) l-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lil Calamatta Cuschieri & Co u lill-Curmi & Partners sabiex ihallsu lir-rikorrenti nofs mid-dividendi, imaghaxijiet u/jew hlasijiet ohra mill-investimenti maghmula mid-decujus mit-23 ta' Ottubri 1982 sat-23 ta' Lulju 2013.

Il-Qorti ordnat ukoll lil dawn l-entitajiet finanzjarji li jisseparaw il-kapital rapprezentanti l-investimenti maghmula mid-decujus qabel it-23 ta' Ottubru 1982 u jinvestuh f'isem l-eredita` sabiex l-imghaxijiet u l-frottijiet civili jibqghu jigu akkreditati lill-eredita` sal-eventwali determinazzjoni tal-qasma.

4. B'digriet iehor a fol 828 (c) din il-Qorti laqghet talba maghmula mill-kontendenti kollha sabiex ihallsu s-somma ta' €20,000 lill-Kurja Arciveskovili ta' Malta skont l-ahhar

testment tad-decujus rapprezentanti legat ta' €5000 maghmul rispettivament a favur tad-Dar tal-Providenza, ta' Caritas, tas-Sorijiet Orsolini u tad-Dar tal-Kleru. Din is-somma komplessiva thallset mill-kont mizmum mal-HSBC Bank Malta plc numru 089 - 009567-001.

5. Fis-seduta fuq imsemmija tal-11 ta' Novembru 2014 kien hemm qbil bejn il-kontendenti li l-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon sad-data tal-mewt tad-decujus jithallsu bin-nofs mir-rikorrenti u mill-intimati rispettivament.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ Dritt:</u>**

**1 - L-ewwel Tliet Talbiet Attrici: Likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-Akkwisti, Dota u Dotarju, u tal-assi parafernali rispettivi tal-attrici u tad-decujus, u divizjoni tal-assi.**

Ikkonsidrat li kif jidher rifless f’Dok RV1 esebit mar-risposta tal-intimati, l-intimati ma kinux qed joggezzjonaw sabiex ir-rikorrenti tircievi l-porzjon spettanti lilha mill-komunjoni tal-akkwisti, id-dota, id-dotarju u assi parafernali taghha.

Illi mhuwiex ikkontestat, li fiz-zwieg tar-rikorrenti u d-defunt zewgha, kien japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Difatti, dan jinsab indikat fl-istess skrittura taz-zwieg taghhom, Dok B. Illi fit-termini tal-**artikolu 1320(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu *inter alia* l-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, maghduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suggetti ghal fedekommess, sew jekk il-beni kienu ghand ir-ragel jew il-mara minn qabel iz-zwieg, sew jekk ikunu missew li parti minnhom wara b’wirt, b’donazzjoni jew b’titolu iehor, basta

ma jkunux inghataw jew thallew bil-kundizzjoni li l-frottijiet taghhom m'ghandhomx jidhlu fl-akkwisti.

### 1.1. Likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-Akkwisti

Jirrizulta mill-kitba taz-zwieg u mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti id-dota u d-dotarju u l-assi parafernali taghhom. Ghal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti, din tikkonsisti f'depoziti bankarji, investimenti u polza ta' assikurazzjoni li mmaturat u cioe`:

**I Kont bankarju HSBC**
**089-9567-001** - Bilanc ta' €25,926.26[29]

**II Polza mal-Eagle Star (Malta) Limited**
Din il-polza mmaturat u l-ammont
mizmum sabiex jithallas hu: € 9,224.02.[30]

**III Investimenti:**

**(a) Calamatta Cuschieri**

(Investimenti bejn it-23 ta' Ottubru 1982 sat-23 ta' Lulju 2013).

Bonds fl-ammont ta' - €587,141.17[31]

**(b) Curmi & Partners**
(Investimenti bejn it-23 ta' Ottubru 1982
sat-23 ta' Lulju 2013):
2 *portfolios* rispettivament: € 8,000.00

[29] Bilanc muri fit-22 ta' Marzu 2014 a fol 93
[30] Dokument a fol 404 tal-process.
[31] Fol 443 tal-process

u €106,258.38[32]

Referibbilment ghall-benefikati li l-attrici allegat li saru fid-dar matrimonjali li hija parafernali ghad-decujus, ma ingabet l-ebda prova u kwindi ma jirrizultax li hemm xi kreditu favur il-komunjoni tal-akkwisti.

Referibbilment ghall-investimenti ma Calamatta Cuschieri & Co. u l-investimenti ta' Curmi & Partners, dawn jirrizultaw li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalkemm kien hemm accenn minn Neville Curmi li r-relazzjoni finanzjarja tieghu mad-decujus jirrisali ghall-perjodu antecedenti ghaz-zwieg, madanakollu ma tressqitx l-ebda prova ta' investimenti li setghu saru minn Carmel Vella qabel ma zzewweg. Ghalhekk din il-Qorti tqies li l-ammonti kollha jappartjentu bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-intimati rispettivament anke skont il-presunzjoni legali favur il-komunjoni.

Illi ghandu jinghad li fil-mori, din il-Qorti permezz tad-digriet premess datat 27 ta' Dicembru 2016, ordnat u awtorizzat lil Calamatta Cuschieri & Co. u Curmi & Partners Ltd sabiex ihallsu lir-rikorrenti 50% mid-dividendi, imghaxijiet u jew hlasijiet ohra mill-investimenti maghmula f'dawn is-socjetajiet mid-defunt Charles Vella wahdu jew konguntivament ma' martu bejn it-23 ta' Ottubru 1982 sat-23 ta' Lulju 2013.

Inoltre ordnat lill-Neville Curmi *tramite* d-ditta tieghu, u dan anke bi qbil bejn il-kontendenti, sabiex jiddisponi mill-*portfolios* f'isem id-decujus fuq is-suq u r-rikavat jigi

[32] Xhieda ta' Neville Curmi a fol 331 *et seq*.

depozitat skont kif deherlu xieraq akkont tal-eredita` filwaqt li l-imghaxijiet jibqghu akkreditati lill-kontijiet.

Irrizulta inoltre li kienu immaturaw xi investimenti mizmuma mad-ditta Calamatta Cuchieri & Co,u ordnat li l-ammont ta' circa €95,000 jigu ri-investiti f'Bonds tal-Gvern f'isem l-eredita` ta' Carmel Vella sabiex il-partijiet igawdu l-frott tieghu meta jigu assenjati l-ishma spettanti lilhom.

Madanakollu din il-Qorti ma inghatat l-ebda informazzjoni dwar l-ezitu ta' dawn id-digrieti. Effettivament l-ebda wiehed mill-kontendenti ma dahal fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-assi.

Ghalhekk, jigi dedott, li kemm-il darba dan il-hlas ghadu ma sarx, irid jigi mhallas is-sehem spettanti lir-rikorrenti, u cjoe` 50% tad-dividendi, imghaxijiet u jew hlasijiet ta' l-investimenti maghmula.

Ghandu jinghad ukoll li l-valuri moghtija ghall-*investment portfolios* ivarjaw skont is-suq fil-mument tal-qasma.

### 1.2. Konkluzjoni fuq l-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tiddisponi mit-talbiet ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li l-assi tal-komunjoni huma dawk elenkati I, II, III(a) u III(b) fil-kapitolu intitolat **1.1**. **Likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-Akkwisti.** Wara li jsiru l-prelevamenti kif provvdu**t** rigward il-hlas tad-dota u dotarju fil-kapitolu **"1.5. Hlas tad-Dota u Dotarju"** dawn l-assi flimkien mal-imghaxijiet u dividends akkreditati li ghadhom ma gewx imhallsa lill-kontendenti skont id-digrieti moghtija, kif ukoll

kull ammont li jirrizulta minn investimenti li lehqu immaturaw mid-data tal-mewt tad-decujus ghandhom jinqasmu f'zewg porzjonijiet ta' nofs (1/2) kull wiehed. Is-sehem ta' nofs (1/2) ser jigi assenjat lill-attrici u s-sehem tan-nofs (1/2) rimanenti ser jigi assenjat lill-kontendenti, li kull wiehed u wahda minnhom ghandhom jiehdu seba' parti (1/7) (cioe` parti wahda minn erbatax (1/14) tal-assi kollha.

**1.3 Ghall-finijiet tal-likwidazzjoni u tal-qasma, l-Qorti qed tikkonferma d-digrieti taghha segwenti:**

- Id-digriet tat-18 ta' Awwissu 2014 a fol 453 tal-process sa fejn ordnat ir-re-investiment;
- Id-digriet tal-11 ta' Novembru 2014 a fol 471 tal-process;
- Id-digriet tas-27 ta' Dicembru 2016 a fol 721 tal-process, sa fejn ordnat il-qasma tad-*dividends* u imghaxijiet.

**Tordna lill-Neville Curmi in rapprezentanza ta' Curmi and Partners Limited u lil Neil Calamatta in rapprezentanza ta' Calamatta Cuschieri & Co rispettivament sabiex ibieghu l-investimenti mizmuma minnhom f'isem id-decujus u/jew f'isem l-eredita` tad-decujus, fuq is-suq miftuh, u dan fi zmien tliet (3) xhur mil-lum u jaqsmu ir-rikavat, flimkien mal-imghaxijiet u *dividends* kollha fi kwoti kif fuq likwidati u jiddistribwixxu l-kwota spettanti lill-kontendenti separatament fuq talba ta' kull wiehed u wahda minnhom .**

**Tordna lill-imsemmija Neil Calamatta u Neville Curmi sabiex jithallsu wkoll lill-kontendenti sehemhom fl-istess kwoti rispettivi minn kull depozitu bankarju jew**

**mill-investimenti maghmula in ezekuzzjoni tad-digrieti ta' din il-Qorti.**

**1.4. Dota u dotarju[33]:**

| | | |
|---|---|---|
| Kont bankarju BOV fiss (327057642) | - | LM 300 |
| Kont bankarju BOV fiss (327057626) | - | LM 100 |
| Kont bankarju BOV fiss (327057634) | - | LM 500 |
| **Total:** | | **LM 900** |

| | |
|---|---|
| Somma ta' hames mija flus kontanti | LM 500 |
| Oggetti ta' deheb u hagar prezzjuz | LM2,000 |
| Ogetti tal-fidda | LM 150 |
| Effetti mobbli ghall-arredimenti tad-dar | LM 2,000 |

**Total: (Dota) LM 5.500**
**(ekwivalenti ghal €12,811.55).**

Illi fl-iskrittura Dok B, l-iskrittura taz-zwieg, kien gie imwieghed metta b'titolu ta' **dotarju** l-ammont ta' **LM7,000** (ekwivalenti ghal **€16,305.60**) li Susan Pace ikollha dritt tiehu f'kaz ta' sopravvivenza taghha ghalih.

B'kollox ir-rikorrenti ghandha tircievi f'dota u dotarju l-ammont komplessiv ta' **€29,117.15**.

**1.5. Hlas tad-Dota u Dotarju**

Billi dawn is-somom huma prelevamenti l-attrici ghandha tithallas dan l-ammont mill-kont bankarju mal-HSBC Malta plc kif ukoll mis-somma mizmuma mill-Eagle Star Malta

[33] Kif stipulati fil-Kitba taz-Zwieg Dok B mar-rikors promotur.

Limited. Kwalsiasi bilanc rimanenti jinqasam bejn l-attrici kwantu ghal nofs, u l-intimati kwantu ghan-nofs l-iehor f'ishma indaqs bejniethom.

Ghal dak li jirrigwarda l-effetti mobbli, gjaladarba l-attrici ser tithallas tal-mobbli li gabet maghha, m'ghandha tiehu xejn.

**1.6. – Konsistenza tal-assi Parafernali tad-decujus Charles Vella[34]**

**Immobbli**

Il-fond gja id-dar matrimonjali bl-isem Chazann, Old Railway Track Santa Venera.

**Mobbli u depoziti bankarji:**

1. Lombard North Central £1,069
2. Mid-Med kont kurrenti LM700 € 1,630.56
3. 340 ishma f'MiddleSea Insurance Limited (Cert Numru 2132)
4. Xi Azzjonijiet f'isem kumpanija lokali u estera.
5. In-negozju gestit mill-Haywharf il-Furjana f'isem **Charles Vella Boatyard** bl-avvjament tal-istess negozju u inkwilinat inkluz, kompriz l-istokk u l-merkanzija u l-kiosk ghall-bejgh ta' minerali li jaghmel ma' l-imsemmi negozju.
6. Zewg karozzi Mini Moke u Fiat 128.
7. Oggetti tad-deheb u zewg arloggi.

[34] Jirrizultaw mill-kitba taz-zwieg imsemmi.

Gie sottomess mill-attrici li l-ishma fil-MiddleSea Insurance Limited inbieghu maz-zmien filwaqt li n-negozju sfaxxa fix-xejn.[35]

Ma tressqux provi rigward l-assi parafernali. Madanakollu gew ddikjarati fil-kitba taz-zwieg ippubblikata jumejn biss qabel iz-zwieg. Ghaldaqstant fejn tista', l-Qorti ser taghti valur *ex aequo*. Rigward l-flus fil-Lombard North Central ser jitqiesu li kellhom valur *at par* mal-lira Maltija. Ghaldaqstant jitqiesu li l-valur f'ewro huwa ta' **€2490.10.**

L-istess ghall-ishma mal-MiddleSea Insurance Limited li ghalhekk qed jigu attribwiti valur ta' LM340 ossia €791.98.

Rigward l-ishma l-ohra, n-negozju,u l-vetturi ma tistax tattribwixxi valur *stante* nuqqas ta' provi.

Ghal dak li jirrigwarda d-deheb ser tattribwixxi valur ta' €500.

**Tikkonkludi li l-assi parafernali tad-decujus jammontaw ghall-valur ta' €4,912.64.**

L-intimati ghandhom jithallsu din is-somma bejniethom fi kwoti ta' 1/7 kull wiehed u wahda minnhom mill-bilanc rimanenti mill-polza tal-Eagle Star (Malta) Limited wara li l-attrici tippreleva l-krediti taghha ghad-dota u ghad-dotarju. Jekk jifdal bilanc attiv, dan jinqasam bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi fuq likwidati mill-assi tal-komunjoni u jekk ma jifdalx, anzi jirrisulta li l-intimati jkun faddlilhom jiehdu bilanc, dan jithallas lilhom bhala prelevament qabel ma jigu divisi l-assi in komuni.

[35] Nota sottomisjsonijiet para x.

Rigward l-oggetti mobbli appartenenti lid-decujus kif elenkati fil-kitba taz-zwieg, dawn huma assenjati lill-intimati f'kaz li l-oggetti ghadhom jesistu u jistghu jigu identifikati biex jigu ripartiti bix-xorti bejniethom.

**1.7. Konsistenza tal-assi Parafernali ta' Susan Vella**

L-assi parafernali ta' Susan Vella jikkonsistu f'dak elenkat fl-iskrittura esebita Dok B li diga gie elenkat bhala dota, dotarju **-** fl-ammont ta' LM5,500 (€12,811.55).

**It-Talbiet numru 4, 5, 6, u 7 tar-rikorrenti ghas-sehem riservat u sabiex tibqa' tirrisjedi fid-dar li kienet id-dar matrimonjali u t-Talbiet Rikonvenzjonali abbazi tal-artikolu 638(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi qofol tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija t-talba tar-rikorrenti ghas-sehem riservat *ai termini* ta' l-**artikolu 615 tal-Kodici Civili**, kif ukoll sabiex tibqa' tghix fil-fond matrimonjali *ai termini* tal-**artikolu 633 tal-Kodici Civili** *stante* li it-testatur eskludiha mill-wirt tieghu. Huwa pacifiku li r-rikorrenti u zewgha kienu baqghu *improle* u ghalhekk il-porzjoni riservat taghha huwa ta' terz (1/3) tal-valur tal-proprjeta' tad-decujus (**artikolu 632 tal-Kodici Civili)**.

Fir-**Raba' Artikolu** tat-testment tad-decujus Charles Vella hemm stipulat:-

*"It-testatur jeskludi lil martu Susan Vella mill-ebda beneficcju derivanti mill-wirt tieghu anke mill-porzjon riservat. It-testatur jiddikjara illi martu telqet mid-dar ghal perjodu ta' erba' snin in fila, u fil-prezent telqet lit-testatur*

*mill-gdid u abbundanatu meta dan kien u ghadu fil-bzonn ta' martu partikolarment meta gie mgharraf mit-tobba li ghandu "Parkinson's disease". It-testatur jiddikjara illi hu ilu ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu ghal dawn l-ahhar sitt snin. Fl-ahharnett, it-testatur jiddikjara illi martu refghet idejha fuq it-testatur minghajr provokazzjoni u fil-prezenza tan-nies fil-karozza tal-linja, u f'okkazjoni ohra meta t-testatur irrimarka li ma baqghetx tehodlu hsieb tal-laundry. Kienet u ghadha pogguta ma' persuna li huwa stess separat li kunjomu 'Magro'."*

B'mod partikolari ghall-fattispecje tal-kaz huwa determinanti wkoll il-**Hames Artikolu** ta' l-istess testment li ighid:

*"Ghal kull fini tajjeb it-testatur jiddikjara illi d-dar matrimonjali hija ta' proprjeta` partikolari tieghu."*

Jinghad fl-ewwel lok, li minn imkien ma jirrizulta bl-ebda mod, li r-rikorrenti qed tittenta timpunja l-imsemmi testment. Ghalhekk il-validita` tat-testment datat 15 ta' April 2011 esebit bhala Dok F mar-rikors promotur hija inkontestata.

Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li *"l-intenzjoni tat-testatur tista' tigi interpretata biss fejn din ma tkunx cara."* (Ara **Bonavia Properties Ltd. vs Giovanni Bonello**, P.A. - 24 ta' Frar 2012).

Ukoll, fil-kaz **Carmelo Sant vs Dr. Giuseppe Cauchi**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 1958, inghad hekk:

*"Fil-Qrati Maltin giet dejjem adottata u applikata f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja r-regola fundamentali tad-dritt Ruman 'non alter a significatione verborum recede oportet quam manifestum sit aliud senisse testatorem.' Ghalhekk, meta d-dispozizzjoni hija cara ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha. Hu cert ukoll li l-intenzjoni tat-testatur ghandha tigi dezunta ex visceribus tal-istess dispozizzjoni li tkun in kwistjoni. Certament, tista' tigi anke raffrontata ma' dispozizzjonijiet ohra tat-testment."* (Ara wkoll "**Paul Vella et vs Grace Ernest et**, P.A. deciza fit-28 ta' Otubru 2015).

Difatti, minn qari tat-testment, l-intenzjoni tat-testatur li jeskludi lil martu mis-sehem spettanti lilha kif riservat mil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 632** jirrizulta ampjament car mir-Raba' Artikolu tat-testment. L-intenzjoni ta' l-istess testatur tista' tigi dezunta wkoll mill-hames artikolu fejn gie allacjat u specifikat li d-dar matrimonjali kienet proprjeta` parafernali tieghu.

Illi l-intimati qed jinvokaw l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 638(b) tal-Kodici Civili** *stante* li permezz tar-Raba' Artikolu tal-imsemmi testment id-defunt Charles Vella eskluda lil martu minn kull beneficcju derivanti mill-wirt ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija.

Skont l-**artikolu 638 tal-Kodici Civili**:

*"Id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 631, 632, 633 u 635 ma jghoddux fil-kazijiet li gejjin:*

*(b) Jekk min imut l-ewwel mir-ragel u l-mara jkun, bit-testment tieghu, ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 623 (a), (b) (c) (d) u (e), jew ghal ragunijiet ta'*

*adulterju, espressament tellef lill-parti li tibqa' hajja l-jeddijiet imsemmija fl-artikolu 631 sa 633 u 635 u r-raguni, jew jekk ikunu imsemmija izjed ragunijiet, xi wahda minnhom tigi ppruvata."*

Ir-ragunijiet indikati fl-artikolu 623(a)(b)(c)(d) u (e) li qed jigu applikati *mutatis mutandis* ghas-superstiti fost il-mizzewgin huma s-segwenti:

*(a) Jekk is-superstiti cahdet mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;*
*(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, is-superstiti tabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;*
*(ċ) jekk, fil-każ li s-superstiti seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;*
*(d) jekk is-superstiti sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;*
*(e) jekk is-superstiti kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi."*

Madanakollu skont id-dispost tal-**artikolu 629 tal-Kap 16** jipprovdi li "*meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizeredat, jew ma tigix ippruvata ir-raguni, id-dizeredat ghandu jedd ghas-sehem riservat biss*." Fil-kaz odjern, it-testatur specifika r-ragunijiet ghad-dizeredita` fid-dispozizzjoni testamentarja.

Illi l-**artikolu 625 (1) tal-Kap 16** jipprovdi:

*"Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni."*

*(2) Jekk tkun issemmiet izjed minn raguni wahda, il-prova ta' wahda hija bizzejjed."*

Illi r-ragunijiet imsemmija mit-testatur huma is-segwenti:

1. Abbandun ghall-erba' snin in fila;
2. Li regghet abbandunatu meta kien u ghadu fil-bzonn partikolarment meta gie mgharraf li kien ibaghti minn *Parkinson's disease;*
3. Li martu refghet idejha fuqu minghajr provokazzjoni;
4. Li kienet u ghadha pogguta ma' persuna kunjomu 'Magro.'

Illi dwar it-tielet raguni, l-intimati ma ressqux l-ebda prova u lanqas ghamlu accenn ghaliha fis-sottomissjonijiet taghhom. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tikkonsidraha.

Hekk kif ritenut fis-sentenza **Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et,** (Vol. XXIX.II.pg880) deciza fis-7 ta’ Jannar 1936:

*“Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustiniano, illi l-kawza tad-dizeredazzjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-dizeredazzjoni.”* (ara wkoll **Filippa Debono et vs Alfred Falzon et** (2020/2000) (GCD) - 30 ta’ Ottubru 2003.

Fl-istess kaz inghad:

*“Illi jista’ jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa’ d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispetatta l-volonta` tat-testatur.”*

**Abbandun**

Rigward ir-raguni ta' abbandun, din facilment tinkwadra taht l-addebiti ta' mohqrija u/jew ingurji gravi specjalment ghal dak li jirrigwarda t-tieni perjodu ta' firda.

Referibbilment ghall-prova ta' dizeredazzjoni, jigi dedott, li l-ewwel raguni elenkata fir-raba' artikolu tat-testment hija dik tal-abbandun tar-rikorrenti mid-dar konjugali. Illi dan jinsab affermat mill-istess rikorrenti, li hija telqet l-ewwel darba mid-dar u jirrizulta li l-firda *de facto* pperdurat ghall-erba' snin shah mis-sena 2005 sakemm il-konjugi regghu rrikonciljaw fl-2009. Ir-rikorrenti imbaghad regghet telqet mid-dar konjugali fis-sena 2010 minghajr qatt ma regghet irritornat, u dan minnkejja li kienet taf li zewgha kien marid bil-marda tal-*Parkinson's.*

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati saret referenza ghall-gurisprudenza, nostrana, fejn gie ritenut li l-abbandun irid ikun ghal perjodu ta' almenu sentejn u minghajr gusta kawza. Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, gie referut il-kaz, **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri** P.A – 18 ta' Novembru 1964, fejn inghad li l-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita` ta' wiehed jew wahda mill-konjugi li jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kaz minghajr raguni tajba.

Rigward l-abbandun, huwa relevanti dak ribadit fil-kaz **Lucia Bassiousy Passiouny vs Dr. Edwina Chetcuti et noe**, P.A. 21 ta' Ottubru 2002, fejn inghad:

*"Ghal dak li hu abbandun il-fatt f'dan il-kaz jirrivestu r-raguni stabbilita fl-artikolu 41 tal-Kodici Civili, billi hawn*

*ukoll l-attrici giet abbundunata ghal aktar minn sentejn u minghajr raguni tajba. Akkopjat ma' dan hemm il-hsieb dottrinali li jafferma illi 'la persistenza e la continuita` in tal caso, anzi attribuerebbe all'abbandono u carattere ingurioso'* (**Baudry – Trattato Teorica Pratico di Diritto Civile** – Vol IV pag.30 para 46 senjalat b'approvazzjoni fid-decizjoni riportata Vol. XXVI.pII.p9).

Fil-kaz **Antonio Xuereb vs Maria Xuereb**, Appell Civili deciz fl-14 ta' Dicembru 1953, gie ritenut:

*"Mhux bizzejjed li jkun hemm allontanament materjali mid-dar konjugali imma jehtieg illi dak l-allontanament ikun minghajr gusta kawza, u illi jipprolonga ruhu minghajr gusta kawza ghal sentejn jew izjed."* (Ara wkoll **Edward Degaetano vs Joanna Degaetano,** Appell Civili - 28 ta' Gunju 2013, **Thomas John Mansfield vs Maria Concetta sive Marlene Mansfield**, Appell Civili deciz fil-31 ta' Ottubru 2014; **Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**, P.A. deciza fit-22 ta' Frar 1961)."

Ghalhekk, fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-ligi u tal-insenjament sucitat, jidher li l-fatt li r-rikorrenti abbandunat id-dar konjugali, anke wara r-rikonciljazzjoni taghhom fl-2009, sabiex qatt ma regghet irritornat id-dar huwa fatt ippruvat. Difatti, dan il-fatt jinsab korroborat anke mix-xhieda imressqa mir-rikorrenti stess, li kkonfermaw li r-rikorrenti kienet regghet telqet mid-dar u ammess minnha stess. Inoltre dan l-ahhar perjodu ta' firda dam iktar minn sentejn u ma kienx interrott billi baqghet tirrisjedi ordinarjament u abitwalment ir-Rabat.

Illi hu pacifiku li l-ebda wiehed mill-konjugi Vella ma istitwixxa proceduri ghas-separazzjoni personali wara li sehhet ir-rikonciljazzjoni. Dan ifisser li l-attrici ma talbietx l-awtorizzazzjoni biex tallontana ruhha mid-dar konjugali. Huwa assodat fil-ligi taghna li l-mizzewgin ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin, li jieqfu ma' xulxin, kemm moralment kif ukoll materjalment, u li jikkoabitaw.

Illi minkejja li r-rikorrenti allegat li hija telqet minhabba li kienet ingurjata jew mahqura minn zewgha l-allegazzjonijiet mhumiex ippruvati. L-attrici sahqet li zewgha kien ihalliha nieqsa mill-flus, li kienet thossha wahidha d-dar billi zewgha kien aktar mohhu fuq xoghol u imbaghad filghaxijiet kien ikun ghajjien, u li kien jiddenigraha quddiem in-nies. Izda minn dan kollu ma ressqet l-ebda prova ghajr li qalet li kienet qed tghix fuq beneficcji socjali waqt l-ahhar perjodu ta' firda, cioe wara li abbandunat id-dar konjugali ghat-tieni darba. Il-familjari taghha xehedu biss dak li qaltilhom hi (*detto del detto)* filwaqt li ghall-kuntrarju, x-xhieda prodotti mill-intimati, senjatament Neville Curmi, u n-Nutar Victor John Bisazza affermaw li d-decujus qatt ma tkellem hazin fuqha u kien u baqa' infatwat warajha, tant li dejjem baqa' jinnutra l-isperanza li tirritorna d-dar. Inoltre kienet issiefer mieghu u ma jirrizultax mill-provi li tul iz-zwieg kien ihalliha nieqsa mill-bzonnijiet. Huwa minnu li l-flus kienu depozitati jew investiti f'ismu izda xejn ma kien mohbi u l-assi tal-komunjoni gew ippreservati tant li ser tircievi s-sehem taghha fis-shih b'dawn il-proceduri.

Tajjeb f'dan l-istadju li tirreferi ghall-artikolu **42 tal-Kodici Civili** u cioe`:

***"42.*** *(1) L-azzjoni għall-firda tispiċċa meta jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.*
*(2) Iżda, jekk wara tinħoloq raġuni ġdida ta' firda, l-attur jista', sabiex issaħħaħ it-talba tiegħu, iġib ukoll ir-raġunijiet ta' qabel."*

Fil-kaz odjern sehhet rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti. Izda t-testatur irrefera mhux biss ghall-abbandun precedenti, imma wkoll ghall-abbandun li sofra wara li skopra li kien marid gravament. Ghalkemm l-attrici sahqet l-izjed fuq l-addebitu ta' adulterju, l-abbandun huwa wkoll wiehed mill-offizi l-aktar gravi li jista' jigi kommess bejn il-mizzewgin u l-abbandun li sofra d-decujus fl-ahhar tliet snin ta' hajtu seta' jigi invokat flimkien ma' dak soffert fis-snin ta' abbandun precedenti.

Ir-rikorrenti tghid li kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet tad-decujus izda ssemmi biss li kienet tehodlu s-seftura biex tnaddaf id-dar, gieli tehodlu ikel, u kif ukoll kienet tiehdu ghall-visti ghand tobba meta marad u tipprokuralu l-medicini necessarji. Dan hu kkorroborat mix-xhieda ta' Dr. Anthony Galea Debono, li izda, ma eskludiex li d-decujus seta' anke jkun akkompanjat minn persuni ohra, kif ukoll mix-xhieda tal-ispizjara Joanne Pace Decesare. Jirrizulta wkoll li kienet tmur izzuru fl-Isptar San Vincenz u tehodlu l-ikel.

B'dan ma jfissirx li stabbiliet mieghu l-konvivenza mistennija bejn mizzewgin bi twettiq tad-dmirijiet konjugali taghha.

Anzi minn qari tat-testment jirrizulta manifest li t-testatur hass ruhu abbandunat ukoll fiz-zmien meta kellu l-aktar bzonn l-assistenza fizika u morali ta' martu, proprju meta gie afflitt mill-marda kiefra tal-*Parkinson's.*

Illi hemm provi kuntrastanti f'dan i-rigward, ta' kemm ir-rikorrenti kienet tmur taghmel viziti spissi u regolari. Izda, il-visiti regolari *o meno* ma jimpingux fuq il-pern tal-vertenza, u cioe` fuq l-abbandun tar-rikorrenti li ma baqghetx tghix ma' zewgha Charles Vella anke wara li fegget il-marda tieghu. Difatti, meta d-defunt Charles Vella waqa' mal-art u ttiehed l-Isptar bl-ambulanza, kienet ohtu li sabitu ma' l-art.

Dan qed jinghad sabiex jigi kkonstatat li r-raguni tal-abbandun, moghtija mit-testatur fil-fatt, tinsab sufficjentement ippruvata billi ma ssibx li l-attrici kellha kawza gusta biex tallontana ruhha mid-dar matrimonjali. Hi abdikat mid-dmirijiet taghha lejn zewgha. Sahansitra ma ghamlet xejn biex ittaffilu mid-dieqa li hass meta sar jaf li kien ser jittiehed fi sptar tal-Gvern u mhux f'Dar ta' rikoveru privata. Mistoqsija ghaliex ma ghamlet xejn biex jigi rikoverat fejn xtaq hu minnflok l-Isptar San Vincenz de Paule ma setghetx twiegeb. Ittiehed f'dak l-Isptar kontra qalbu u dam biss erba' xhur qabel ma miet.

Issib fic-cirkostanzi li bl-ghemil taghha, l-istess rikorrenti mhux biss ma kellhiex kawza gusta biex tabbanduna lil zewgha imma sahansitra b'ghemilha kienet krudili lejh meta abdikat mid-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga u hallietu wahdu f'perjodu daqshekk difficli f'hajtu.

Ghaldaqstant, issib li l-abbandun huwa ppruvat u, kif stipulat **fl-artikolu 625(2) tal-Kap 16,** jekk hija ppruvata wahda mir-ragunijiet tad-dizeredazzjoni, din hija sufficjenti.

**Adulterju**

In segwitu, ghar-raguni tal-abbandun issemmew ukoll ragunijiet ohra li ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Gie allegat li r-rikorrenti kellha relazzjoni ma' certu persuna kunjomu Magro. Ghalkemm, jirrizulta li fil-mori ta' dan il-kaz Paul Magro xehed u kkonferma li kien jiltaqa' mar-rikorrenti, dan ma jfissirx li gie ppruvat l-adulterju da parti taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

Hawnhekk, relevanti huwa dak ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015, fil-kaz **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**, fejn inghad:

*"Jissenjala wkoll li sabiex l-adulterju jigi ppruvat il-prova rikjesta trid tkun wahda serja u solida u mhux kwalunkwe amicizja li wiehed jista' jkollu ma' persuna tas-sess oppost tammonta ghal adulterju."*

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi ghall-principji ribaditi mill-Qrati taghna, fil-kaz **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna,** P.A. deciza fis-27 ta' Novembru 2011, fejn gie ritenut hekk:

*"Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun ippruvat per mezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche` dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."* (Ara wkoll **Anabel Cassar Bonnici vs**

**Emanuel Cassar**, Qorti tal-Appell deciza fit-12 ta' Frar 2016, **Jane Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**, Qorti tal-Appell deciza fil-15 ta' Dicembru 2015).

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, gie sostnut, li meta r-rikorrenti kienet ipprezentat il-kaz ta' separazzjoni, ma kienet saret l-ebda eccezzjoni jew kontro-talba rigward adulterju minn zewgha. L-attrici qieghdet hafna piz fuq dan ir-ragunament izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, tali argument ma jregix ghaliex, kif gja premess, zewgha kien jistqarr li baqa' ihobbha. F'tali cirkostanzi, gjaladarba li riedha lura, huwa verosimili li ma kienx ser jinizja hu proceduri ghas-separazzjoni personali. Ftit ta' zmien wara, marad, u huwa inqas verosimili li kien ser jidhol fl-inkwiet ta' kawza. *Multo magis* meta eventwalment gie interdett fuq talba tal-attrici u ma kellux izjed il-kapacita' li jipprocedi gudizzjarjament. Inoltre jekk verament kien mghawwi minn hutu kontra r-rikorrenti kif implikat u allegat, id-defunt ma kienx jibqalu dik l-imhabba li l-hbieb tieghu jghidu li kellu lejn martu, u kien minnufih jiftah proceduri gudizzjarju kontriha.

B'referenza ghall-hames eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata, fejn gie sostnut li ma kien hemm l-ebda allegazzjonijiet ta' adulterju wara r-rikonciljazzjoni taghha ma' zewgha, jinghad li f'April 2011, fiz-zmien tat-testment tat-testatur, it-testatur indika li martu "*kienet u ghadha pogguta ma' persuna li huwa stess separat li kunjomu 'Magro'.* Ikkonsidrat, li fix-xhieda tieghu Paul Magro ikkonferma li kien jiltaqa' ma' Susan Vella fil-pjazza tar-Rabat u kienu johorgu bhala koppja. Dan gie kkonfermat mill-istess xhud Paul Magro. In kontro-ezami, Paul Magro qal li kien hu li waqqaf ir-relazzjoni ma' Susan Vella peress

li kien jirrisjedi fl-Ingilterra, u li kien in segwitu sema' li regghet irrikonciljat ma' zewgha.

Ikkunsidrat ukoll, li fix-xhieda tieghu Dr. Ramon Scerri qal li hu kien ilu separat *de facto* minn ma' martu sa mill-2010, u fl-2011 ikkonferma li waqt li Susan Vella kienet fil-*clinic* tad-dar tieghu, giet aggredita minn martu u minn ibnu tant li spiccaw f'kaz kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Huwa kkonferma wkoll, li fl-2012, kien stieden u ha mieghu lil Susan Vella ghall-festin tal-hamsin anniversarju tal-genituri tieghu, izda zied ighid li dakinhar kienet ghadha mhijiex is-siehba tieghu.

Illi wara li fliet il-provi, l-Qorti ssib konfliggenza bejn ix-xhieda prodotti senjatament bejn ix-xhieda taghha u dak moghti minn Paul Magro u Dr Ramon Scerri. Difatti ssibha difficli temmen li hutha kienu kollha msajmin minn informazzjoni dwar il-hbiberija taghha ma' Magro u Scerri minkejja li stqarru li kienu midhla sew ta' ohthom. Anzi Peter Bellizzi xehed dwar dan li "*ma jiftakarx."* Madanakollu ssib li gie biss ippruvat li kien hemm hbiberija bejnha u bejn Magro u Scerri rispettivament. Dwar Paul Magro, dan hu sostnut mill-pataflun ta' telefonati li sehhew mid-dar konjugali taghha u Magro, anke meta kien qieghed jghix fl-Ingilterra. Tant li d-decujus kien qabbad avukat biex iwissih milli jkisser iz-zwieg tieghu. Dawn it-telefonati, li kienu isiru anke tard bil-lejl gew ammessi minn Paul Magro fix-xhieda tieghu. L-attrici kienet anke tohrog mieghu fil-pubbliku, skont hu, bhala koppja normali.

Ghar-rigward ta' Dr Ramon Scerri, jirrizulta mix-xhieda ta' martu li l-hbiberija tieghu mar-rikorrenti ma bdietx wara l-mewt tad-decujus, kif ried jaghti x'jifhem, imma ferm qabel

tant li martu cemplet lid-decujus fis-sena 2012 u gharrfitu bis-suspetti taghha. Dan juri bic-car li gja qabel ma miet Carmel Vella kien hemm certu hbiberija bejn ir-rikorrenti u Scerri li giet esternata fil-pubbliku. Inoltre fis-sena 2011 kien inqala' incident fil-klinika tieghu bejn ir-rikorrenti min-naha, u mart u iben it-tabib min-naha l-ohra. Skont it-tifel dan sehh meta ma kienitx gurnata li fiha missieru kien qed jara n-nies. Inoltre, ghalkemm Ramon Scerri jishaq li kien jaf lir-rikorrenti bhala tabib tal-post tax-xoghol taghha, ghal din il-Qorti, il-fatt li hadha ghall-festin importanti ta' gheluq il-50 sena anniversarju tal-genituri tieghu, ad eccezzjoni ta' martu u sahansitra ta' uliedu, jindika li kien hemm certu familjarita' bejnu u r-rikorrenti tant li introduciha lill-familja stretta tieghu.

Illi dan kollu jinduci lil din il-Qorti li tikkonkludi li l-attrici kellha hbiberija pubblika ma' ragel iehor fiss waqt li kienet mizzewga lid-decujus.

Illi madanakollu taqbel mar-rikorrenti li m'hemmx provi saljenti dwar l-allegat adulterju.  Difatti l-provi dwar l-adulterju huma skarsi u pjuttost ibbazati fuq kongetturi u testimonjanzi ekwivoci li, ghalkemm sufficjenti biex joholqu suspett,u anke jikkostitwixxu ingurja gravi lejn zewgha, ma jilhqux il-grad ta' prova ta' adulterju rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni rigward id-Dizeredazzjoni**

Ghalhekk, ladarba jirrizulta li d-dizeredazzjoni saret fit-termini tal-artikoli u tad-dispozizzjonijiet tal-ligi billi r-raguni ta’ abbandun fir-Raba’ Artikolu tat-testment giet ippruvata, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Konsegwentement, dan iwassal ghat-telfien ta’ beneficcji altrimenti spettanti lill-

armla tas-sehem riservat u tad-dritt ta' abitazzjoni fid-dar tad-defunt, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 638 (b) tal-Kap 16.

**Ghal dawn il-motivi, tichad it-Talbiet numru 4, 5, 6, u 7 tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet kollha taghha rikonvenzjonata, u in segwitu tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali ta' l-intimati.**

**It-tmien, id-Disa' u l-Ghaxra Talbiet Attrici**

Tiddisponi minn dawn it-talbiet billi tassenja lill-intimati sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll l-assi parafernali tad-decujus kif mahsub fid-decizjoni taghha dwar l-ewwel tliet talbiet attrici filwaqt li tichad it-talba in kwantu l-attrici qed titlob li tigi assenjata s-sehem rizervat.

Tichad l-ghaxar talba billi jirrizulta li l-assi li ser jigu assenjati lill-attrici huma assi fungibili u kwindi komodament divisibbli.

**Spejjez Gudizzjarji**

Illi jirrizulta li l-intimati ma opponewx li ssir id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll li r-rikorrenti tithallas id-dota u d-dotarju taghha.

Illi jirrizulta li l-kontestazzjoni hija dwar il-porzjoni riservata u t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi li l-ispejjez gudizzjarji tar-rikors promotur ghandhom jinkombu fuq ir-rikorrenti kantu ghall-2/3 u 1/3 fuq l-intimati filwaqt li r-

rikorrenti ghandha tissaporti l-ispejjez kollha tat-talba rikonvenzjonali.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’** u **tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati, tiddisponi mit-talbiet tar-**rikorrenti** skont dan li gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara li l-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, dota u dotarju kif murija fil-parti ta’ din is-sentenza intestata "**1.1**. **Likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-Akkwisti";** u "**1.4. Dota u dotarju";**

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li l-konsistenza tal-assi parafernali kif murija fil-parti ta’ din is-sentenza intestata **Il "1.6. – Konsistenza tal-assi Parafernali tad-decujus Charles Vella";** u **"1.7. – Konsistenza tal-assi Parafernali ta’ Susan Vella";**

3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida f’zewg porzjonijiet il-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll tillikwida l-proprjeta` parafernali tad-decujus Charles Vella u Susan Vella, tillikwida d-dota u d-dotarju, kif deciz hawn fuq fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet attrici, u tordna li jsiru l-hlasijiet tal-ismha rispettivi kif jidher fil-parti tas-sentenza: "**1.2. Konkluzjoni fuq l-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti";** u l-parti indikata bil-paragrafu **"1.3 Ghall-finijiet tal-likwidazzjoni u tal-qasma, l-Qorti qed tikkonferma d-digrieti taghha"** fejn ikkonfermat id-digrieti taghha imsemmija ghall-fini tad-divizjoni u assenjazzjoni, kif ukoll "**1.5. Hlas tad-Dota u Dotarju**";

**Tordna lil Neville Curmi in rapprezentanza ta' Curmi and Partners Limited u lil Neil Calamatta in rapprezentanza ta' Calamatta & Cuschieri** rispettivament sabiex ibieghu l-investimenti mizmuma minnhom f'isem id-decujus u/jew f'isem l-eredita' tad-decujus, fuq is-suq miftuh, u dan fi zmien tliet (3) xhur mil-lum u jaqsmu ir-rikavat, flimkien mal-imghaxijiet u *dividends* kollha fil-kwoti kif fuq likwidati u jiddistribwixxu l-kwota spettanti lill-kontendenti separatament fuq talba ta' kull wiehed u wahda minnhom.

Tordna lill-imsemmija Neil Calamatta u Neville Curmi sabiex ihallsu lill-kontendenti sehemhom fl-istess kwoti rispettivi minn kull depozitu bankarju jew mill-investimenti maghmula in ezekuzzjoni tad-digrieti ta' din il-Qorti.

4. Tichad r-raba', l-hames, is-sitt, u s-seba' talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet spjegati f'din is-sentenza.

5. Tilqa' it-tmien talba tar-rikorrenti limitatament billi tassenja lill-attrici sehemha ta' nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u d-defunt Charles Vella. Tilqa' t-tmien talba wkoll rigward ir-ritorn tad-dota u d-dotarju li ghandhom jithallsu lir-rikorrenti mill-intimati kif gja dispost f'din is-sentenza dwar l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti.

6. Tilqa' id-disa' talba tar-rikorrenti billi tassenja lill-intimati is-sehem ta' nofs (1/2) mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u d-decujus f'ishma ta' parti minn seba' kull wiehed u wahda minnhom skont kif hawn fuq likwidati kif ukoll u fl-istess porzjon, l-assi paraferenali tieghu. Ghar-

rigward tal-assi mobbli dawn ghandhom jittellghu bix-xorti bi qbil bejn l-intimati jew xort'ohra jekk jiftehmu mod iehor.

7. Tichad ukoll l-ghaxar talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tiddisponi mill-**Kontro-Talba** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tar-rikorrenti rikonvenzjonata, **tilqa'** t-talbiet rikonvenzjonali ta’ l-intimati.

**L-ispejjez gudizzjarji tar-rikors promotur jithallsu mir-rikorrenti kwantu ghall 2/3 u mill-intimati in solidum bejniethom kwantu ghall-1/3. L-ispejjez tat-talba rikonvenzjonali jigu sopportati mir-rikorrenti. Kwalsiasi spejjez konnessi mal-hlas tal-ishma, dota, dotarju u beni parafernali jithallsu mill-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Lulju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Lulju 2018**